

Brussell, 26 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10341/21
ADD 14

JAI 812
FREMP 202
AG 61
POLGEN 127

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 714 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt II-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija Li jakkumpanja d-dokument KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 714 final.

Mehmuż: SWD(2021) 714 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2021
SWD(2021) 714 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt
Il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija**

Li jakkumpanja d-dokument

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt
Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea**

{COM(2021) 700 final} - {SWD(2021) 701 final} - {SWD(2021) 702 final} -
{SWD(2021) 703 final} - {SWD(2021) 704 final} - {SWD(2021) 705 final} -
{SWD(2021) 706 final} - {SWD(2021) 707 final} - {SWD(2021) 708 final} -
{SWD(2021) 709 final} - {SWD(2021) 710 final} - {SWD(2021) 711 final} -
{SWD(2021) 712 final} - {SWD(2021) 713 final} - {SWD(2021) 715 final} -
{SWD(2021) 716 final} - {SWD(2021) 717 final} - {SWD(2021) 718 final} -
{SWD(2021) 719 final} - {SWD(2021) 720 final} - {SWD(2021) 721 final} -
{SWD(2021) 722 final} - {SWD(2021) 723 final} - {SWD(2021) 724 final} -
{SWD(2021) 725 final} - {SWD(2021) 726 final} - {SWD(2021) 727 final}

ASTRATT

Fir-rigward tal-effiċjenza u tal-kwalità, is-sistema ġudizzjarja Ungeriża taħdem sew f'termini tat-tul tal-proċedimenti u għandha livell għoli ta' diġitalizzazzjoni. Tissokta ż-żieda gradwali tas-salarji tal-imħallfin u tal-prosekuturi. Madankollu, fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja, is-sistema tal-ġustizzja kienet soġġetta għal żviluppi ġodda li komplew iżidu mat-tassib li diġà jeżisti, espress ukoll fil-kuntest tal-proċedura tal-Artikolu 7(1) TUE mibdija mill-Parlament Ewropew. Ġew implimentati r-regoli l-ġodda li jippermettu l-ħatra tal-membri tal-Qorti Kostituzzjonali fil-Qorti Suprema (*Kúria*) li mhumieq parti mill-proċedura normali, u li taw lok biex jiġi elett il-President tal-*Kúria*, li l-kariga tiegħu ġiet mogħnija wkoll b'setgħat addizzjonali. Dan il-President tal-*Kúria* ġie elett minkejja opinjoni negattiva tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali. Ir-rakkomandazzjoni għat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja, magħmula fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, għadha ma ġiet indirizzata. Din tinkludi l-ħtieġa li s-setgħat tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali indipendenti jissaħħu sabiex ikun jista' jikkontrobilanċja s-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura.

L-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-korruzzjoni tinsab għaddejja iżda l-ambitu tagħha għadu limitat. Fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi, il-lobbying u r-“revolving doors” għad hemm xi nuqqasijiet. Riskji ta' kljenteliżmu, favoritiżmu u nepotiżmu fl-amministrazzjoni pubblika ta' livell għoli kif ukoll riskji li jirriżultaw mir-rabta bejn in-negozji u l-atturi politiċi għadhom ma ġewx indirizzati. Il-mekkaniżmi ta' kontroll indipendenti għadhom mhumieq biżżejjed biex tiġi identifikata l-korruzzjoni. Għad hemm tassib dwar in-nuqqas ta' kontrolli sistematiki u mhux biżżejjed sorveljanza tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi. Dispożizzjonijiet ġodda fil-liġi kriminali għandhom l-għan li jindirizzaw it-tixħim barrani u l-pagamenti informali fil-kura tas-saħħa. Filwaqt li r-rata ta' ħruġ tal-atti tal-akkuża għal każijiet ta' korruzzjoni hija għolja, u mill-2020 'l hawn infetħu xi każijiet ġodda ta' korruzzjoni fil-livelli għolja, ir-rekord ta' investigazzjonijiet ta' allegazzjonijiet dwar uffiċjali fil-livelli għolja u ċ-ċirku immedjat tagħhom għadu limitat.

Il-pluraliżmu tal-media għadu f'riskju. Għad hemm tassib fir-rigward tal-indipendenza u l-effettività tal-Awtorità tal-Media, anki fid-dawl tad-deċizzjonijiet tal-Kunsill tal-Media li wasslu biex l-istazzjon tar-radju indipendenti *Klubrádió* ma jitħalliex ixandar aktar. Filwaqt li l-ebda skema ta' appoġġ għall-media ma ġiet stabbilita biex tagħmel tajjeb għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-mezzi tal-media tal-aħbarijiet, baqa' jkun hemm ammonti sinifikanti ta' reklamar mill-istat biex il-gvern ikun jista' jeżerċita influwenza politika indiretta fuq il-media. Ġie ristrett l-aċċess għall-informazzjoni pubblika matul il-miżuri ta' emerġenza introdotti waqt il-pandemija, u kien aktar diffiċli għall-mezzi indipendenti tal-media li jkollhom aċċess tempestiv għal informazzjoni bħal din. Il-ġurnalisti u l-mezzi indipendenti tal-media għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' xkiel u intimidazzjoni.

Fir-rigward tas-sistema ta' kontrokontrolli, it-trasparenza u l-kwalità tal-proċess leġislattiv jibqgħu sors ta' tassib. Emenda tal-kostituzzjoni se tillimita s-setgħat tal-Gvern fir-rigward tar-reġim tal-“istat ta' periklu” wara Lulju 2023. Il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali akkwiżixxa aktar kompetenzi, iżda l-indipendenza tiegħu tpoġġiet f'dubju mill-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni nediet proċedimenti ta' ksur biex tiżgura l-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-liġi fuq it-trasparenza ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ffinanzjati minn barra. Sussegwentement, il-Parlament ħassar il-liġi u introduċa regoli ġodda dwar il-kontrolli tal-legalità għas-soċjetà ċivili. Għad

hemm pressjoni fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jikkritikaw lill-gvern, filwaqt li ġie espress tħassib dwar trusts privati stabbiliti reċentement li rċevew finanzjament pubbliku sinifikanti, u li huma ġestiti minn membri tal-bord qrib il-gvern attwali.

I. IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA

L-Ungerija għandha sistema ta' qrati ordinarji b'erba' livelli. Daqs 113-il qorti distrettwali joperaw fil-livell ta' prim'istanza, filwaqt li 20 qorti reġjonali jisimgħu appelli minn deċiżjonijiet tal-qrati distrettwali u jiddeċiedu dwar ċerti kawżi fil-prim'istanza. Ħames qrati tal-appell reġjonali jiddeċiedu dwar appelli minn deċiżjonijiet tal-qrati reġjonali. Ir-rwol ewlieni tal-Qorti Suprema (*Kúria*) huwa li tiggarantixxi l-applikazzjoni uniformi tad-dritt. Il-Liġi Fundamentali tagħti l-inkarigu tal-amministrazzjoni ċentrali tal-qrati lill-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura (NOJ - National Office for the Judiciary), elett mill-Parlament. Il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali huwa korp indipendenti, li skont il-Liġi Fundamentali, iwettaq superviżjoni tal-President tal-NOJ u jipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-qrati. L-imħallfin jinħatru mill-President tar-Repubblika wara rakkomandazzjoni tal-President tal-NOJ fuq il-bażi ta' klassifikazzjoni tal-kandidati stabbilita mill-kunsilli ġudizzjarji lokali (magħmula minn imħallfin eletti mill-kollegi tagħhom). Il-President tal-NOJ ma jistax jiddevja minn din il-klassifikazzjoni mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali mhijiex parti mis-sistema tal-qrati ordinarji, u tistħarreġ il-kostituzzjonalità tal-liġijiet u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Is-servizz tal-prosekuzzjoni huwa istituzzjoni indipendenti mogħnija b'setgħat li tinvestiga u tmexxi l-prosekuzzjoni kontra reati. L-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Ungeriża u l-assoċjazzjonijiet tal-avukatura reġjonali huma korpi pubbliċi awtoregolati awtonomi¹.

Indipendenza

L-indipendenza ġudizzjarja perċepita għadha waħda medja fost il-pubbliku ġenerali u baxxa fost il-kumpaniji. L-indipendenza perċepita tal-qrati u tal-imħallfin mill-pubbliku ġenerali għadha waħda medja, u naqset minn 48 % fl-2020 għal 40 % fl-2021. Daqs 32% tal-kumpaniji jipperċepixxu l-livell tal-indipendenza ġudizzjarja bħala "pjuttost tajba jew tajba ħafna"², żieda meta mqabbla mas-26 % fl-2020. Fir-rigward tal-pubbliku ġenerali, kien hemm xejra negattiva fil-perċezzjonijiet f'dawn l-aħħar ħames snin (interrotta fl-2020)³; fir-rigward tal-kumpaniji, wara tnaqqis sinifikanti fl-2019, il-perċezzjoni kompliet titjeb⁴.

Il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali għadu qed jaffaċċja sfidi biex jikkontro bilanċja s-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura fir-rigward tal-ġestjoni

¹ L-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Ungeriża hija mogħnija bid-doveri li tirrappreżenta lill-professjoni legali vis-à-vis il-gvern, teżerċita sorveljanza ġenerali fuq l-assoċjazzjonijiet tal-avukatura reġjonali, tiddetermina ċerti regoli li jappartjenu għall-professjoni legali billi toħroġ by-laws u twettaq rieżami tad-deċiżjonijiet tal-assoċjazzjonijiet tal-avukatura reġjonali fir-rigward tal-miżuri dixxiplinari. (Kontribut mill-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 22.)

² Il-Figuri 47 u 49, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021. Il-livell ta' indipendenza ġudizzjarja perċepita huwa kategorizzat kif ġej: baxx ħafna (inqas minn 30 % ta' daww li wiegħbu jqisu l-indipendenza ġudizzjarja bħala pjuttost tajba u tajba ħafna); baxxa (bejn 30 % u 39 %), medja (bejn 40 % u 59 %), għolja (bejn 60 % u 75 %), għolja ħafna (aktar minn 75 %).

³ Il-Figura 44, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020; Il-Figura 47, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.

⁴ Il-Figuri 46 u 48, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020. Il-Figura 49, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

tal-qrati. Kif indikat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt⁵, il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali qed jaffaċċja sensiela ta' limitazzjonijiet strutturali li ma jħallux jeżerċita sorveljanza effettiva fir-rigward tal-azzjonijiet tal-President tal-NOJ. Il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali ma għandu l-ebda personalità ġuridika⁶ u ma għandu l-ebda dritt jipproponi leġiżlazzjoni jew jiġi kkonsultat dwar proposti leġiżlattivi li jaffettwaw is-sistema tal-ġustizzja⁷. Ġew eletti membri u sostituti ġodda fil-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali⁸; għandu baġit li jsir qbil dwaru, u l-President tal-NOJ allokalu membru tal-persunal ieħor⁹. Il-Presidenti tal-NOJ ta' bħalissa jikkoopera aħjar mal-Kunsill mill-predeċessur tiegħu, iżda dik il-kooperazzjoni hija limitata sa fejn huwa meħtieġ mil-liġi¹⁰, u ma ttehed l-ebda pass leġiżlattiv biex jiġu indirizzati kwistjonijiet strutturali. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill¹¹ fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, biex "issaħħa l-indipendenza ġudizzjarja" għadhom ma ġewx indirizzati. Il-President tal-NOJ ripetutament sab lil min jimla l-postijiet battala fil-qrati superjuri, mingħajr sejħa għall-applikazzjonijiet, b'imħallfin iwettqu kompiti amministrattivi fl-NOJ¹².

Il-President tal-Kúria, il-Qorti Suprema, irċieva setgħat addizzjonali għall-organizzazzjoni tal-funzjonament ta' dik il-qorti. Mill-1 ta' Jannar 2021, daħħlu fis-seħħ regoli ġodda,¹³ li jippermettu lill-President tal-Kúria jwaqqaf bordijiet ġudizzjarji magħmula minn imħallf li jippresjedi¹⁴ u erba' mħallfin¹⁵ għal ċerti gruppi ta' kawżi, b'segwitu għal

⁵ Il-President tal-NOJ jiġi nnominat mill-President tar-Repubblika u elett mill-Parlament b'maġġoranza ta' żewġ terzi minn fost l-imħallfin b'tal-anqas ħames snin esperjenza bħala mħallf għal perjodu ta' disa' snin, mingħajr possibbiltà li jiġi elett mill-ġdid. Il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali huwa magħmul mill-President *ex officio* tal-Kúria u minn 14-il membru mħallf (u 14-il membru sostitut) eletti mill-pari tagħhom għal perjodu ta' sitt snin, mingħajr il-possibbiltà ta' elezzjoni mill-ġdid. Il-President tal-NOJ jopera taħt is-supervizzjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali. Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, pp.2-3.

⁶ Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 9.

⁷ Informazzjoni li waslet mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija. Il-Kunsill mhuwiex permess jikkomunika permezz tas-sit web tal-qrati (Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 9.) lil hinn mill-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mitluba mil-liġi. Meta l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali ried li jikkomunika ma' kull imħallf permezz tal-posta elettronika (pereż. biex jikkonsulta magħhom dwar l-abbozz tal-kodiċi tal-etika l-ġdid), ġie rreġistrat indirizz tal-posta elettronika speċjali għall-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fis-sistema uffiċjali tal-posta elettronika biex ikun hemm komunikazzjoni diretta mal-ġudikatura kollha kemm hi.

⁸ Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 5.

⁹ Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 9.

¹⁰ Informazzjoni li waslet mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.

¹¹ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 3.

¹² Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 7. L-Artikolu 58(3) tal-Att CLXII tal-2011 dwar l-Istatus Legali u r-Remunerazzjoni tal-Imħallfin. Ara, pereżempju, id-Deċiżjonijiet 83.E/2020. (II. 21.) OBHE u 62.E/2021. (III. 12.) OBHE.

¹³ L-Att CLXV tal-2020 emenda l-Artikolu 10(2) tal-Att CLXI tal-2011 mill-1 ta' Jannar 2021. L-introduzzjoni ta' bordijiet b'ħamsa trid tiġi indikata fl-iskema ta' allokazżjoni tal-każijiet (kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 4); id-dipartiment inkwistjoni magħmul minn imħallfin (*kollégium*) jagħti opinjoni mhux vinkolanti dwar l-introduzzjoni ta' bordijiet b'ħamsa (l-Artikolu 10(2) tal-Att CLXI tal-2011); il-kunsill ġudizzjarju tal-Kúria jagħti opinjoni mhux vinkolanti dwar l-iskema ta' allokazżjoni tal-kawżi (l-Artikolu 151(1)(d) tal-Att CLXI tal-2011). Apparti minn hekk, l-Att CLXV tal-2020 introduċa l-Artikoli 118(6) u 127(2a) tal-Att CLXI tal-2011, li jippermetti lill-President tal-Kúria jaħtar Viċi President biex jaġixxi bħala Segretarju Ġenerali *ad interim* u jgħaqqad il-mandat tal-Viċi Segretarju Ġenerali ma' dak tal-President tal-Kúria.

¹⁴ L-imħallfin li jippresjedu jinħatru mill-President tal-Kúria (l-Artikolu 128(3) tal-Att CLXI tal-2011) wara opinjoni mhux vinkolanti tad-dipartiment kompetenti (l-Artikoli 131(c) u 132(4) tal-Att CLXI tal-2011). L-

opinjoni mhux vinkolanti tad-dipartiment ikkonċernat u tal-kunsill ġudizzjarju tal-*Kúria*. Dan kompla jżid is-setgħat amministrattivi tal-President tal-*Kúria*, li jinkludu l-ħatra tal-imħallfin li jippresjedu¹⁶, l-assenjar fl-awli tal-imħallfin u l-imħallfin li jippresjedu¹⁷, il-ħatra tal-kapijiet tad-dipartimenti¹⁸, u li jistabbilixxi l-iskema ta' allokazzjoni tal-kawżi fl-awli¹⁹. Il-President tal-*Kúria* għandu wkoll setgħat importanti fir-rigward tar-rwol tal-President tal-*Kúria* biex jiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-liġi mill-qrati²⁰. Għal dan l-għan, il-*Kúria* tiegħu deċiżjonijiet ta' uniformità li huma vinkolanti fuq il-qrati²¹. Meta awla tkun tixtieq tiddevja mill-ġurisprudenza stabbilita tal-*Kúria*, trid tissospendi l-proċedimenti u titlob deċiżjoni ta' uniformità²². Il-bord tal-uniformità jista' jkun ippresedut mill-President jew mill-Viċi President tal-*Kúria*²³; is-sitt membri tiegħu jintgħażlu mill-President fuq bażi *ad hoc* minn fost imħallfin tad-dipartiment inkwistjoni. Barra minn hekk, il-partijiet jistgħu jippreżentaw ilment dwar l-uniformità kontra deċiżjoni finali tal-*Kúria* jekk din tiddevja mill-ġurisprudenza stabbilita tal-*Kúria*²⁴. Il-bord tal-ilmenti dwar l-uniformità huwa ppresedut

imħallef li jippresjedi jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-bord li jisma' kawża partikolari u jaħtar lill-imħallef relatur.

- ¹⁵ Normalment, il-bordijiet ġudizzjarji li jisimġu l-kawżi (*eljáró tanács*) ikunu magħmula minn imħallef li jippresjedi (*tanácselnök*) u żewġ imħallfin oħra mill-istess awla (*ítélkező tanács*). In-numru ta' karigi ġudizzjarji fil-*Kúria* mhuwiex stabbilit mill-istatut, iżda jiġi ddeterminat mill-President tal-NOJ (ara l-Artikolu 76(4)(a) tal-Att CLXI tal-2011). Bħalissa, hemm 114-il kariga (ara d-Deċiżjoni 14.SZ/2021. (II. 24.) OBHE), 24 minnhom huma battala. Ta' min jinnotta li l-President tal-*Kúria* jiddeċiedi dwar il-ħatra tal-imħallfin tal-*Kúria*; il-President tar-Repubblika għandu biss rwol formali (il-Figura 54, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE).
- ¹⁶ L-Artikolu 128(3) tal-Att CLXI tal-2011.
- ¹⁷ F'awla partikolari, jista' jkun hemm aktar minn imħallef wieħed li jippresjedi. F'dak il-każ il-President tal-*Kúria* jassenja wieħed minnhom biex iwettaq kompiti amministrattivi. L-awli huma organizzati f'dipartimenti taċ-ċivil, tal-kriminal u amministrattivi. Il-kap tad-dipartiment iqassam il-kawżi bejn l-awli billi jsegwi l-iskema ta' allokazzjoni tal-kawżi. L-awla municipli tanalizza l-legalità tad-digriet muniċipali; il-membri tagħha jinħatru mill-President tal-*Kúria*.
- ¹⁸ Is-seduta plenarja u d-dipartiment kompetenti jagħtu opinjoni mhux vinkolanti dwar il-kandidati (l-Artikoli 131(a) u (c) u 132(4) tal-Att CLXI tal-2011).
- ¹⁹ Id-dipartimenti u l-kunsill ġudizzjarju tal-*Kúria* jagħtu opinjoni mhux vinkolanti dwar l-iskema ta' allokazzjoni tal-kawżi (ara l-Artikolu 9(1) tal-Att CLXI tal-2011). Mill-1 ta' Jannar 2021, il-President tal-*Kúria* mmodifika l-iskema ta' allokazzjoni tal-kawżi disa' darbiet.
- ²⁰ Sa mill-1 ta' April 2020, il-qrati ta' livell inferjuri kienu meħtieġa bil-liġi jispjegaw għaliex ma jkunux segwew l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali mogħtija mill-*Kúria* fid-deċiżjonijiet stabbiliti tagħha. Devjazzjoni bħal din hija raġuni għal rimedju straordinarju quddiem il-*Kúria*. Ara, pereż., l-Artikoli 561(3)(g), 648(d), 649(6), 652(1) tal-Att XC tal-2017 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali; l-Artikoli 346(5), 406(1), 409(3) u 424(3) tal-Att CXXX tal-2016 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati jinnotta li dawn ir-regoli ġew introdotti mingħajr konsultazzjoni mal-ġudikatura, li l-preċedenti stabbiliti mill-*Kúria* mhumix aġġornati f'termini ta' kemm huma disponibbli u kemm wieħed jista' jirriċerka, u d-deċiżjonijiet individwali jiġu ppubblikati f'diversi pubblikazzjonijiet, u li mhuwiex ċar jekk għandux jiġi segwit biss ir-*ratio decidendi* tad-deċiżjonijiet jew l-*obiter dicta* wkoll. Fil-fehma tiegħu, ir-regoli l-ġodda se jnaqqsu l-awtonomija tal-imħallfin fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-liġi fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ konkret. (Kontribut mill-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 24.)
- ²¹ L-Artikolu 25(3) tal-Liġi Fundamentali. Il-proċedura ta' uniformità – li tinbeda minn waħda mill-awli, jew mill-President, jew mill-(viċi) kap tad-dipartiment tal-*Kúria*, il-president ta' qorti tal-appell reġjonali jew il-Prosekutur Ġenerali – hija differenti mill-proċedura ta' lmenti dwar l-uniformità li tinbeda minn wieħed mill-partijiet fil-kawża.
- ²² L-Artikolu 32(1)(b) u (2) tal-Att CLXI tal-2011. Kull dipartiment għandu l-bord ta' uniformità tiegħu stess.
- ²³ Il-Viċi Presidenti tal-*Kúria* jinħatru mill-President tar-Repubblika b'segwitu għal rakkomandazzjoni tal-President tal-*Kúria* (l-Artikolu 128(1) tal-Att CLXI tal-2011).
- ²⁴ L-Artikolu 41/B tal-Att CLXI tal-2011. Fl-1 ta' Jannar 2021, emenda tar-regoli speċifikat il-każijiet li fihom l-ilment dwar l-uniformità kellu jiġi miċħud, estendiet l-ambitu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' lment dwar l-uniformità (filwaqt li l-limitathom għal daww mogħtija wara l-1 ta'

mill-President jew mill-Viċi President tal-*Kúria*; it-tmien membri tiegħu jintgħażlu mill-President fuq il-bażi ta' algoritmu²⁵. Il-bord tal-ilmenti dwar l-uniformità jista' jordna s-soppressjoni ta' deċiżjonijiet finali mogħtija mill-awli f'każijiet individwali²⁶. Il-korpi ġudizzjarji tal-*Kúria* (pereż. il-kunsill ġudizzjarju jew id-dipartimenti), li għandhom sempliċement rwol konsultattiv²⁷, ma jistgħux jaġixxu ta' kontrobilanċ għas-setgħat estensivi tal-President tal-*Kúria*²⁸.

President ġdid tal-*Kúria* ġie elett mill-1 ta' Jannar 2021 skont ir-regoli speċjali l-ġodda rigward il-ħatriet ġudizzjarji. Ġie mfakkar li f'Ġunju 2020, il-President tar-Repubblika ħatar, mill-1 ta' Lulju 2020, tmien membri tal-Qorti Kostituzzjonali bħala mħallfin tal-*Kúria* wara li saret talba mingħandhom²⁹, li sitta minnhom ma kellhom esperjenza ta' mħallf f'qorti ordinarja. Kif spjegat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, b'segwitu għal emenda adottata fl-2020, il-membri tal-Qorti Kostituzzjonali, li jkunu kisbu status ta' mħallf, jistgħu jitolbu li jinħatru fil-*Kúria* wara li l-qadi ta' dmirijethom fil-Qorti Kostituzzjonali jkun ġie fi tmiemu³⁰. Fil-5 ta' Ottubru 2020, il-President tar-Repubblika rrakkomanda³¹ li l-Parlament jeleġġi wieħed minnhom biex jokkupa l-kariga ta' President tal-*Kúria*. Il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali, wara li sema' lill-persuna kkonċernata f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi rilevanti³², ċaħad in-nomina tagħha kważi unanimament³³.

Lulju 2020), saħħet id-dritt tal-partijiet għad-dispożizzjoni fil-proċedimenti (intitolathom li jirrevokaw l-ilment tagħhom), u tat lok għas-soppressjoni tal-proċedimenti tal-qorti u li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminarja tal-QĠUE. Il-liġi tippermetti li jiġi stabbilit bord tal-ilmenti dwar l-uniformità b'aktar minn disa' membri (li jkun ukoll l-għadd minimu tagħhom). (Kontribut mill-President tal-*Kúria* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 9-10.)

²⁵ L-Artikolu 41/A(1) tal-Att CLXI tal-2011. Mill-1 ta' Mejju 2021, il-President tal-*Kúria* emenda l-iskema ta' allokkazzjoni tal-kawżi biex jintroduċi algoritmu għall-kompożizzjoni tal-bordijiet ta' lmenti dwar l-uniformità.

²⁶ L-Artikolu 41/D(1)(c) tal-Att CLXI tal-2011. Il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati jinnotta li s-sistema l-ġdida ta' lmenti dwar l-uniformità tista' twassal għal konfużjoni u tnaqqis fl-indipendenza tal-imħallfin filwaqt li tagħti wisq setgħa ta' teħid deċiżjonali lill-*Kúria* (Kontribut mill-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 24.).

²⁷ Fir-rigward tal-ħatra ta' manijers tal-qorti fil-*Kúria*, jekk il-President tal-*Kúria* jkun jixtieq jaħtar persuna nominata mingħajr il-kunsens tal-korp ġudizzjarju kkonċernat (espress b'maġġoranza tal-voti) irid jitlob il-kunsens tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali (l-Artikolu 132(6) tal-Att CLXI tal-2011).

²⁸ Informazzjoni li waslet mill-Kumitat Ungeriż ta' Helsinki fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija. Pereżempju, id-dipartiment u l-kunsill ġudizzjarju jagħtu opinjoni dwar l-iskema ta' allokkazzjoni tal-kawżi (l-Artikolu 9(1) tal-Att CLXI tal-2011).

²⁹ Skont il-proċedura normali, l-imħallfin jinħatru fil-*Kúria* mill-President tagħha, wara sejħa għall-applikazzjonijiet, fuq il-bażi ta' opinjoni tad-dipartiment kompetenti tal-*Kúria* (*kollégium*) u ta' valutazzjoni u ta' klassifikazzjoni tal-kandidati mill-kunsill ġudizzjarju tal-*Kúria* magħmul minn imħallfin eletti mill-pari tagħhom. L-Artikolu 3(4a) tal-Att CLXII tal-2011 li jippermetti l-ħatra ġudizzjarja ta' membri tal-Qorti Kostituzzjonali, eletti mill-Parlament, mingħajr sejħa għall-applikazzjonijiet ġie introdott mill-Att CXXVII tal-2019 dwar l-emenda ta' ċerti Atti b'rabta mal-proċeduri amministrattivi ta' istanza waħda tal-uffiċċji distrettwali (il-leġiżlazzjoni omnibus") (ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 5.). Fil-21 ta' Settembru 2020, il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali appella lill-President tal-NOJ biex jipproponi leġiżlazzjoni għat-tneħħija tal-Artikolu 3(4a) tal-Att CLXII tal-2011 (id-Deċiżjoni 107/2020. (IX.21.) OBT). Matul il-laqgħa tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2020, il-President tal-NOJ u r-rappreżentant tal-Ministeru għall-Ġustizzja kienu tal-fehma li l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali ma għandu l-ebda kompetenza fil-kwistjoni.

³⁰ L-Artikolu 88(3) tal-Att CLXII tal-2011.

³¹ <https://www.parlament.hu/irom41/13175/13175.pdf>

³² L-Artikolu 103(3)(a) tal-Att CLXI tal-2011.

³³ Tlettax-il imħallf-membru vvutaw kontra. L-unika vot favur intefa' mill-President tal-*Kúria* ta' dak iż-żmien (membru *ex officio* tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali) (Kontribut mill-President tal-*Kúria* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 4.). Il-Kunsill irrikonoxxa l-kwalitajiet personali u l-istat ta'

Wara li ma baqgħetx aktar membru fil-Qorti Kostituzzjonali, fid-19 ta' Ottubru 2020, in-nominat ġie elett mill-Assemblea Nazzjonali għall-kariga ta' President tal-*Kúria* mill-1 ta' Jannar 2021 għal perjodu ta' disa' snin³⁴. Fid-19 ta' Ottubru, il-President tal-*Kúria* ta' dak iż-żmien assenjha fil-*Kúria*, fejn serva bħala mħallef li jippresjedi f'waħda mill-awli sakemm laħaq president tal-*Kúria*. Dawn l-iżviluppi jikkonfermaw it-tħassib diġà espress fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt³⁵, b'ħatra fl-ogħla kariga ġudizzjarja tiġi deċiża mingħajr l-involvement ta' korp ġudizzjarju, u mhux f'konformità mal-istandards Ewropej³⁶. Ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati ddefinixxew l-elezzjoni bħala "attakk fuq l-indipendenza tal-ġudikatura u tentattiv li l-ġudikatura tiġi sottomessa għar-rieda tal-fergħa leġislattiva, bi ksur tal-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat"³⁷. Fid-dawl tas-setgħat amministrattivi tal-President tal-*Kúria* u r-rwol ewlieni tal-*Kúria* fis-sistema tal-ġustizzja³⁸, dawn l-iżviluppi tqajjem dubji serji fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja³⁹.

Issoktat il-prattika tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura li jannulla l-proċeduri għall-għażla tal-presidenti tal-qorti u jaħtar presidenti tal-qorti *ad interim* mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali. Il-President tal-NOJ kompli bil-prattika li jikkancella⁴⁰, f'għadd dejjem jikber ta' każijiet u ta' sikwit mingħajr

tħejjija tan-nominat, il-merti akkademiċi tiegħu u l-esperjenza li kiseb fil-qasam tal-ġustizzja, f'sens usa', bħala membru tal-Qorti Kostituzzjonali u Viċi tal-Prosekutur Ġenerali, iżda spjega ċ-ċaħda billi rrefera għan-nuqqas ta' esperjenza fil-qorti tan-nominat u l-fatt li l-kandidatura tiegħu setgħet issir bis-saħħa ta' emendi leġislattivi li skont il-Kunsill kienu jmorru kontra r-rekwiżit kostituzzjonali tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-kap tas-sistema tal-ġustizzja (id-Deċiżjoni 120/2020. (X. 9.) OBT). L-opinjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali mhijiex vinkolanti. Il-Gvern huwa tal-fehma li dan l-arranġament jiżgura l-involvement tal-korpi ġudizzjarji (Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 2.). Ta' min ifakkar li mill-1 ta' Jannar 2020, l-Artikolu 1 tal-Att XXIV tal-2019 emenda l-Artikolu 114(1) tal-Att CLXI tal-2011 fis-sens li ż-żmien li kien attiv bħala segretarju legali anzjan fil-Qorti Kostituzzjonali jew f'qorti internazzjonali jista' jitqies fil-kalkolu ta' ħames snin "esperjenza bħala mħallef" meħtieġa għall-kariga ta' President tal-*Kúria*.

³⁴ Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12.

³⁵ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, pp. 5-6.

³⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2010)12, il-paragrafu 47. Ara wkoll il-Kawża tal-Qorti tal-Ġustizzja C-585/18, C-624/18 u C-625/18, *A.K.*, il-punt 134.

³⁷ Ittra tar-Rapporteur Speċjali dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati datata l-15 ta' April 2021. Barra minn hekk, kif enfasizzat min-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, l-elezzjoni għall-kariga ta' President tal-*Kúria* setgħet issir permezz ta' leġislazzjoni *ad hominem* (in-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (2020)). Ta' min ifakkar li l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa nnota bi tħassib in-nuqqas kontinwu ta' salvagwardji b'rabta ma' miżuri *ad hominem* fil-livell kostituzzjonali li jitterminaw mandat ġudizzjarju, u l-kompetenza tal-Parlament, stabbilita fl-2012 b'segwitu għall-fatti tas-sentenza *Baka vs. l-Ungerija* (ir-Rikors Nru 20261/12) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, biex jippreżentaw impeachment fil-konfront tal-President tal-*Kúria* mingħajr sħarriġ ġudizzjarju (l-1383 laqgħa, id-29 ta' Settembru sal-1 ta' Ottubru 2020).

³⁸ Skont il-Gvern, ir-rwol ewlieni tal-*Kúria* fis-sistema tal-ġustizzja Ungeriża huwa kompletament ikkontrollat mill-Qorti Kostituzzjonali.

³⁹ Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw, fid-dawl tal-valur tal-istat tad-dritt, li kwalunkwe rigressjoni tal-liġijiet tagħhom dwar l-organizzazzjoni tal-ġustizzja tiġi impedita, billi joqogħdu lura milli jadottaw regoli li jimminaw l-indipendenza tal-ġudikatura (ara l-Kawża C-896/19, *Repubblika*, il-paragrafi 63 u 64).

⁴⁰ Sejħa għall-applikazzjonijiet tiġi ddikjarata inkonklużiva jekk l-ebda waħda mill-applikazzjonijiet ma tiġi aċċettata mill-awtorità tal-ħatra. F'dak il-każ, tiġi ppubblikata sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet. Jekk il-proċedura l-ġdida wkoll tiġi ddikjarata inkonklużiva, il-kariga ta' president tal-qorti (manijer) tista' timtela minn persuna magħżula mill-awtorità tal-ħatra għal massimu ta' sena. (Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 2.) Ma hemm l-ebda possibbiltà ta' sħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-

spjegazzjoni suffiċjenti⁴¹, il-proċeduri tal-għażla għall-presidenti tal-qorti u maniġers oħra tal-qorti⁴², anki fejn kien hemm applikanti adegwati appoġġati mill-pari tagħhom⁴³. Din il-prattika kienet diġà ġiet ikkritikata mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali taħt il-mandat tal-President preċedenti tal-NOJ⁴⁴. Matul l-aħħar sena, l-għażla tal-presidenti tal-qorti ġiet ripetutament ittardjata minħabba l-pandemija tal-COVID-19; minħabba f'hekk, il-postijiet battala baqgħu ma mtlewx jew imtlew mill-President tal-NOJ⁴⁵ fuq bażi temporanja, jew il-mandat tal-maniġers tal-qorti ġie estiż mil-leġislazzjoni. Il-presidenti tal-qorti jeżerċitaw setgħat li huma rilevanti għall-perspettivi tal-karriera tal-imħallfin. Ladarba l-perjodu tal-ewwel ħatra tal-imħallfin huwa limitat għal tliet snin⁴⁶, it-tkomplija tal-karriera ġudizzjarja tagħhom tiddependi fuq valutazzjoni tal-adegwatezza tagħhom għal mandat ġudizzjarju li għalih il-presidenti tal-qorti għandu jevalwa l-attività ġudizzjarja tagħhom⁴⁷. Jekk jirriżulta li l-imħallfin huma adegwati, il-president tal-qorti jitlob lill-President tal-NOJ jirakkomanda li l-President tar-Repubblika jaħtarhom għal perjodu ta' żmien illimitat⁴⁸. Jekk jirriżulta li ma jkunx adegwati, ikollhom iħallu posthom fi tmiem il-perjodu tal-ħatra inizjali⁴⁹. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-qorti tas-servizz⁵⁰; il-qorti tas-servizz ma tistax tikkonċedi miżuri proviżorji biex il-karriera ġudizzjarja ma tiġix interrotta matul l-istħarriġ tal-evalwazzjoni. Apparti minn hekk, kull tliet snin, il-president tal-qorti u l-President tal-NOJ jista' jassenja mill-ġdid l-imħallfin, mingħajr il-kunsens tagħhom, f'qorti oħra sa massimu ta' sena, għad li fil-prattika, mill-2012 'il hawn ma użawx din il-

President tal-NOJ biex jiġu kkanċellati l-proċeduri tal-għażla għall-presidenti tal-qorti u maniġers oħra tal-qorti, u l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali mhuwiex involut.

⁴¹ Fl-2020, il-President tal-NOJ ikkanċella ħames proċeduri tal-għażla għall-maniġers tal-qorti (presidenti tal-qorti, viċi presidenti, kapijiet u viċi kapijiet tad-diviżjoni) fejn kien hemm kandidat appoġġat mill-maġġoranza tal-korp ġudizzjarju li ta opinjoni (id-Deċiżjoni 373.E/2020. (X. 1.) OBHE, 388.E/2020. (X. 19.) OBHE, 415.E/2020. (XI. 12.) OBHE, 443.E/2020. (XI. 30.) OBHE, 444.E/2020. (XI. 30.) OBHE. Skont il-Gvern, dawn id-deċiżjonijiet tal-President tal-NOJ kienu bbażati fuq l-Artikolu 133(1) tal-Att CLXI tal-2011, kellhom raġunament dettaljat, u ġew ippublikati fil-gazzetta uffiċjali u fuq is-sit web uffiċjali tal-qorti. Minħabba f'hekk, inħatru tliet presidenti tal-qorti *ad interim*. Fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Mejju 2021, il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali esprima tħassib minħabba n-nuqqas ta' kriterji unifikati biex tiġi kkanċellata proċedura tal-għażla mill-President tal-NOJ.

⁴² Il-Presidenti u ċerti maniġers oħra tal-qorti reġjonali u tal-qorti tal-appell reġjonali jinħatru mill-President tal-NOJ wara votazzjoni permezz ta' vot sigriet mill-qorti kkonċernata waqt seduta plenarja. Il-President tal-NOJ jista' jaħtar kwalunkwe kandidat li rċieva l-maġġoranza tal-voti (imħallef jista' jappoġġa aktar kandidati fil-votazzjoni), iżda l-ħatra ta' kandidat li ma jkunx irċieva l-maġġoranza tal-voti tas-seduta plenarja teħtieġ il-kunsens minn qabel tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali. Il-presidenti tal-qorti reġjonali jaħtru presidenti tal-qorti distrettwali (Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 2.).

⁴³ Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 5.

⁴⁴ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 3.

⁴⁵ Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 5-6.

⁴⁶ L-Artikolu 23(1) tal-Att CLXII tal-2011. Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 1.

⁴⁷ L-Artikolu 24(2) u l-Kapitolu V tal-Att CLXII tal-2011. L-evalwazzjoni mill-president tal-qorti hija bbażata fuq valutazzjoni mwettqa mill-kap tad-dipartiment jew minn imħallef maħtur mill-kap tad-dipartiment (l-Artikolu 71(2) tal-Att CLXII tal-2011).

⁴⁸ L-Artikoli 3(3)(c) u 24(3) tal-Att CLXII tal-2011.

⁴⁹ L-Artikolu 25(1) tal-Att CLXII tal-2011.

⁵⁰ L-Artikoli 80 u 101 tal-Att CLXII tal-2011. Il-membri tal-qorti tas-servizz jinħatru mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali (l-Artikoli 102(1) u 145(2) tal-Att CLXII tal-2011, l-Artikolu 103(3)(g) tal-Att CLXI tal-2011).

possibbiltà⁵¹. Tqajjem tħassib fir-rigward tal-impatt ta' din is-setgħa fuq l-irrimovibbiltà tal-imhallfin⁵².

Tissokta ż-żieda gradwali tas-salarji tal-imħallfin u tal-prosekuturi. Iż-żieda fis-salarji ġudizzjarji rrimarkata mir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt issoktat kif previst mil-leġiżlazzjoni omnibus tal-2019⁵³, u huwa mistenni li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja. Fl-ewwel fażi, minn Jannar 2020, is-salarji żdiedu b'medja ta' 32 %⁵⁴, u fit-tieni fażi, minn Jannar 2021, bi 12 %. Żieda ulterjuri ta' 13 % hija skedata għall-2022⁵⁵. Madankollu, għad hemm thassib⁵⁶ fir-rigward tal-bonuses u s-setgħa tal-awtoritajiet li jimmaniġġjaw il-qrati li jagħtu bonuses lill-imħallfin fuq bażi diskrezzjonali, mingħajr kriterji oġġettivi u trasparenti⁵⁷.

⁵¹ L-Artikolu 31(3) tal-Att CLXII tal-2011. Skont informazzjoni provduta mill-Gvern bi thejjiha għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.

⁵² GRECO Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report, ir-Rakkomandazzjoni xi, il-paragrafu 27. Skont l-istandards Ewropej, imħallef ma għandux jiġi trasferit f'uffiċċju ġudizzjarju ieħor mingħajr ma jagħti l-kunsens tiegħu, għajr f'każijiet ta' sanzjonijiet dixxiplinari jew riforma tal-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja (ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2010)12, il-paragrafu 52).

⁵³ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 6.

⁵⁴ Il-partijiet ikkonċernati rrappurtaw li, kif preskritt mil-liġi, l-ewwel fażi tal-programm żiedet b'mod sproporzjonat is-salarji tal-presidenti tal-qrati u ta' maniġers oħra tal-qrati (Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12, ikkonfermat mill-informazzjoni li waslet mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija). Mill-1 ta' Jannar 2020, is-supplimenti relatati mal-istanzi tal-qorti żdiedu minn 10 għal 20 % għall-imħallfin tal-qrati distrettwali, minn 20 % għal 40 % għall-imħallfin tal-qrati reġjonali, minn 40 % għal 70 % għall-imħallfin tal-qrati tal-appell reġjonali, u minn 60 % għal 120 % għall-imħallfin tal-*Kúria*. Fir-rigward tas-suppliment għall-maniġers ġudizzjarji, ġiet introdotta żieda aktar sinifikanti. Pereżempju mill-1 ta' Jannar 2020, is-suppliment tas-salarju żdied għall-kapijiet tad-dipartiment u għas-Segretarju Ġenerali tal-*Kúria* minn 60 % għal 200 %, għall-presidenti tal-qrati tal-appell reġjonali u għall-President tal-Qorti Reġjonali ta' Budapest minn 60 % għal 150 %, għall-vice presidenti tal-qrati tal-appell reġjonali minn 50 % għal 120 %, għall-imħallfin li jippresjedu fil-*Kúria* minn 45 % għal 120 %. Skont informazzjoni provduta mill-Gvern, fil-livell ta' qorti distrettwali, il-medja kienet ta' 30 %, ta' 29 % għall-imħallfin u 34 % għall-maniġers tal-qrati; fil-livell ta' qorti reġjonali, il-medja kienet ta' 33 %, ta' 33 % għall-imħallfin u 33 % għall-maniġers tal-qrati, ukoll.

⁵⁵ Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 5.

⁵⁶ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 7. Skont l-informazzjoni li waslet mill-Kumitat Ungeriż ta' Helsinki fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija, ir-regoli ġuridiċi dwar il-bonuses (l-Artikolu 189 tal-Att CLXII tal-2011) huma vagi ħafna, u jagħtu ħafna lok għall-arbitrarjetà; ma hemm l-ebda definizzjoni jew lista statutorja tat-tipi u l-forom ta' bonuses li l-President tal-NOJ u mexxejja ġudizzjarji oħra jistgħu jqassmu lill-imħallfin, u lanqas ma hemm kriterji ċari dwar dak li jista' jservi bħala bażi għal deċiżjonijiet bħal dawn. Il-President tal-NOJ irrifjuta li jagħti informazzjoni dettaljata lill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali dwar il-ħlas tal-bonuses għaliex skont l-interpretazzjoni tiegħu tal-liġi, dan is-suġġett mhuwiex parti mis-setgħat superviżorji tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali (informazzjoni li waslet mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija).

⁵⁷ Il-proporzjon medju tal-bonuses normattivi pagabbli lill-imħallfin kollha u lill-persunal kollu tal-qorti jiġi ddeterminat mill-President tal-NOJ; il-maniġers tal-qorti jistgħu jiddeċiedu li jiddevjaw minn dan il-proporzjon medju, ara l-Artikolu 11(4) tal-Ordni 5/2013. (VI. 25.) OBH tal-President tal-NOJ (id-deċiżjoni tittieħed mill-presidenti tal-qrati reġjonali u tal-qrati tal-appell reġjonali fir-rigward tal-imħallfin u l-persunal tal-qorti; id-deċiżjoni tittieħed mill-President tal-NOJ fir-rigward ta' dawn il-presidenti tal-qrati u l-imħallfin assenjati fl-NOJ; u mill-President tal-*Kúria* fir-rigward tal-imħallfin tal-*Kúria*). L-Ordni 5/2013. (VI. 25.) OBH ma fihix kriterji għad-devjazzjoni mill-proporzjon medju f'każijiet individwali. Barra minn hekk, il-maniġers jistgħu jagħtu aktar bonuses (mhux normattivi). Skont il-Kunsill tal-Ewropa, sistemi li jagħmlu r-rimunerazzjoni ewlenija tal-imħallfin dipendenti fuq il-prestazzjoni għandhom jiġu evitati peress li jistgħu

Għad hemm tħassib fir-rigward ta' xi elementi tal-organizzazzjoni tas-servizz tal-prosekuzzjoni. Kif irrimarka r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, is-servizz tal-prosekuzzjoni huwa organizzat fi struttura strettament ġerarkika. Filwaqt li l-indipendenza tas-servizz ta' prosekuzzjoni hija mnaqqxa fil-ligi⁵⁸, ċerti elementi tal-qafas legali wasslu lill-GRECO sabiex jorhoġ rakkomandazzjonijiet għar-rieżami tar-regoli għall-ħatra tal-Prosekutur Ġenerali sabiex l-uffiċċju jkun issalvagwardjat mill-influenza politika. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO b'rabta mas-servizz tal-prosekuzzjoni ġew implimentati, oħrajn għadhom ma ġewx indirizzati. Dan huwa l-każ fir-rigward tar-rakkomandazzjoni biex titneħħa l-possibbiltà li l-Prosekutur Ġenerali jibqa' fil-kariga wara li jiskadi l-mandat tiegħu⁵⁹. Dan huwa l-każ ukoll fir-rigward tar-rakkomandazzjoni tal-GRECO li sitwazzjonijiet li fihom prosekutur superjuri jieħu f'idejha każ mingħand prosekutur subordinat ikunu ggwidati minn kriterji stretti u li deċiżjonijiet bħal dawn ikunu ġġustifikati bil-miktub⁶⁰. Il-GRECO jirrakkomanda li tiżdied ir-rendikontabbiltà u t-trasparenza tal-proċedimenti dixxiplinari kontra l-prosekuturi; il-GRECO jibqa' mħasseb li għadu l-prosekutur superjuri dirett li jiddeċiedi dwar il-merti tal-każ, minflok korp imparzjali⁶¹. L-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikollha impatt pożittiv fuq il-qafas kontra l-korruzzjoni.

Kwalità

Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja hija ġeneralment għolja. L-Ungerija għadha għolja ħafna fil-klassifika fir-rigward tas-soluzzjonijiet diġitali biex tibda proċeduri f'kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi u twettaq segwitu tagħhom⁶², is-soluzzjonijiet diġitali biex tmexxi l-proċeduri tal-qorti f'kawżi kriminali u twettaq segwitu tagħhom⁶³, u l-aċċess

joħolqu diffikultajiet għall-indipendenza tal-imħallfin (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2010)12, il-paragrafu 55).

⁵⁸ Kontribut minn *Alapjogokért Központ* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 3. Ġie nnutat li ma hemm l-ebda rimedju effettiv kontra deċiżjonijiet tas-servizz tal-prosekuzzjoni biex ma titressaqx il-qorti l-allegata attività kriminali detrimentali għall-interess pubbliku, inkluża l-korruzzjoni, il-frodi li tolgot l-interessi finanzjarji tal-UE u l-appropriazzjoni indebita ta' fondi pubbliċi (Il-proċediment ta' akkuża privata sostitutiva mhuwix disponibbli jekk il-vittima tkun l-istat jew korp vestit b'setgħa pubblika) (l-Artikolu 787(3)(d) tal-Att XC tal-2017 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali).

⁵⁹ GRECO Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report, ir-Rakkomandazzjoni xiv, il-paragrafu 37.

⁶⁰ GRECO Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report, ir-Rakkomandazzjoni xv, il-paragrafu 42. L-Artikolu 60/A tad-Direttiva 12/2012 (VI. 8.) tal-Prosekutur Ġenerali jirrikjedi li r-raġuni għaliex il-każ ikun għadda għand il-prosekutur superjuri tiġi rreġistrata fil-fajl. Skont il-Gvern, ir-rapport tal-GRECO tal-2015 uża l-kelma “potenzjali” biex jesprimi li kien qed jirreferi biss għal sitwazzjonijiet ipotetiċi u mhux għal sitwazzjonijiet fattwali, u rrakkomanda passi ulterjuri sempliċiment sabiex jiġu evitati xenarji potenzjali bħal dawn; madankollu, huwa essenzjali għall-funzjonament kif suppost tas-servizz tal-prosekuzzjoni li l-kariga tal-Prosekutur Ġenerali timtela anki matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm tiġi fformata l-maġġoranza meħtieġa; din il-maġġoranza tiggarrantixxi l-indipendenza tal-Prosekutur Ġenerali u ttiproteġi s-separazzjoni tal-poter. Skont il-Gvern, il-garanzija bażika kontra deċiżjonijiet arbitrarji msemmeja fir-Rapport ta' Konformità *Interim* tal-GRECO tingħata mil-Liġi Fundamentali nnifisha, li fl-Artikolu 29(1) tiddikjara li “l-Prosekutur Ġenerali u l-Uffiċċju tal-Prosekutur huma indipendenti”. Il-Gvern jindika li din l-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni tiġi estiża mill-Artikolu 3(3) tal-Att CLXIII tal-2011 dwar is-Servizz tal-Prosekuzzjoni.

⁶¹ GRECO Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report, ir-Rakkomandazzjoni xvii, il-paragrafu 52. Il-GRECO laqa' b'sodisfazzjon id-dħul fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2019 tal-emenda tal-Artikolu 88(1) tal-Att CLXIV ta' 2011, li tipprevedi l-involvement obbligatorju ta' kummissarju dixxiplinari biex iwettaq l-investigazzjoni.

⁶² Il-Figura 44, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁶³ Il-Figura 45, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

online mill-pubbliku ġenerali għas-sentenzi ppubblikati⁶⁴. Barra minn hekk, l-Ungerija għandha riżultati tajbin ħafna fir-rigward tal-promozzjoni u tal-inċentivi għall-użu ta' metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim⁶⁵. Madankollu, għad hemm tħassib fir-rigward tal-livell ta' inklużività tal-iskema ta' għajjuna legali⁶⁶, u t-tariffi tal-qorti fil-kawżi kummerċjali għadhom għoljin⁶⁷. L-imħallfin jista' jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom aktar taħriġ fil-komunikazzjoni⁶⁸.

L-operat tal-qrati ġie adattat matul il-pandemija tal-COVID-19. Meta faqqgħet il-pandemija, diġà kien hemm fis-seħħ soluzzjonijiet diġitali (pereż. sistema ta' seduti mill-bogħod). L-użu ta' għodod għal seduti mill-bogħod (vidjokonferenzi) matul il-pandemija qabad sew⁶⁹, u wassal biex ċerti proċeduri tal-qorti jsiru aktar effiċjenti⁷⁰. Ċerti proċeduri tal-qorti ġew issimplifikati⁷¹. Fit-8 ta' Marzu 2021, il-Gvern introduċa tibdiliet fil-liġijiet proċedurali, immirati sabiex jiffaċilitaw l-operat tas-sistema tal-ġustizzja matul l-“istat ta' periklu”⁷².

Effiċjenza

L-effiċjenza fil-kawżi ċivili u amministrattivi għadha għolja. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021, l-Ungerija tmur tajjeb ħafna fir-rigward taż-żmien stmat meħtieġ sabiex jiġu solvuti l-kawżi amministrattivi fil-prim'istanza⁷³ u fl-istanzi kollha tal-qrati⁷⁴; l-għadd ta' kawżi amministrattivi pendenti fil-qrati tal-prim'istanza⁷⁵; u l-għadd ta' kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi pendenti u kawżi oħra⁷⁶. L-Ungerija tmur tajjeb ukoll fir-rigward taż-żmien stmat meħtieġ sabiex jiġu solvuti l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fil-prim'istanza⁷⁷ u tar-rata sabiex jiġu solvuti l-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi u kawżi oħra⁷⁸. Regoli proċedurali ġodda, mid-9 ta' Lulju 2020, jippermettu proċedimenti mħaffa f'kawżi taċ-Ċivil li jinvolvu talbiet ta' vittmi ta' reati⁷⁹.

⁶⁴ Il-Figura 46, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁶⁵ Il-Figura 27, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁶⁶ Il-Figura 23, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁶⁷ Il-Figura 25, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁶⁸ Il-Figura 36, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁶⁹ Fl-2019, il-qrati mexxew 6 426 seduta permezz tal-vidjokonferenza filwaqt li fl-2020 dan in-numru kien 20 569. (Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 11.). Is-sistema ta' taħriġ permezz ta' għodod diġitali bdiet bil-mod iżda issa saret operazzjonali. (Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 18 u 20.)

⁷⁰ Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 9.

⁷¹ *Ibid.* Pereżempju, liġi speċjali tippermetti li l-kawżi jiġu trattati permezz ta' proċedura bil-miktub anki f'litigazzjoni fejn proċedura bħal din qabel ma kinitx prevista.

⁷² Id-Digriet tal-Gvern 112/2021 tas-6 ta' Marzu 2021. Dan id-Digriet ma baqax applikabbli mit-23 ta' Mejju 2021. Mis-17 ta' April 2021, id-Digriet tal-Gvern 182/2021 tas-16 ta' April 2021 emenda d-Digriet tal-Gvern 112/2021; ippermetta lill-qrati jiltaqgħu f'seduti mill-20 ta' April 2021.

⁷³ Il-Figura 9, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁷⁴ Il-Figura 10, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁷⁵ Il-Figura 16, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁷⁶ Il-Figura 14, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁷⁷ Il-Figura 7, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁷⁸ Il-Figura 11, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

⁷⁹ L-Att LXX tal-2020. Il-qrati jaġixxu b'urġenza, il-limitu ta' żmien ġenerali biex tittieħed azzjoni jkun massimu ta' tmint ijiem ta' xogħol. Meta l-qorti jkollha bżonn titlaqqa' f'seduta, titlaqqa' primarjament permezz ta' network ta' komunikazzjoni elettronika jew mezzi oħra li kapaċi jittirażmettu immaġnijiet u

Qegħdin jiġu żviluppatti rimedji effettivi f'każijiet ta' proċedimenti twal iżżejjed. L-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem *Gazsó vs l-Ungerija*, għadha għaddejja u l-Ungerija għadha taħt superviżjoni msaħħa mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, f'dan ir-rigward⁸⁰. Fil-15 ta' Ġunju 2021, il-Parlament adotta liġi ġdida⁸¹ li mill-2021 tintroduċi rimedju kumpensatorju maħsub biss għall-proċeduri ċivili eċċessivament twal.

II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Is-Servizz Protettiv Nazzjonali (NVSZ) taħt is-sorveljanza tal-Ministeru għall-Intern jikkoordina l-attivitajiet kontra l-korruzzjoni fl-Ungerija u huwa responsabbli wkoll għall-prevenzjoni tal-kriminalità fil-pulizija, l-infurzar tal-liġi, u aġenziji oħra tal-gvern. L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tad-Diviżjoni Investigattiva tal-Uffiċċju tal-Investigazzjoni Ġenerali tal-Prosekuzzjoni u tal-ħames uffiċċji reġjonali tiegħu. Is-servizz tal-prosekuzzjoni huwa sostnut mill-forzi investigattivi tal-pulizija u mis-Servizz Protettiv Nazzjonali. L-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat għandu kompetenzi għall-kontroll tal-ġestjoni finanzjarja tal-fondi pubbliċi u għall-awditjar tal-partiti politiċi.

Il-perċezzjoni tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku fost l-esperti u d-diriġenti tan-negozju hija li l-livell ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku għadu għoli. Fl-Indiċi tal-2020 dwar l-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni minn Transparency International, l-Ungerija ġabet 44 minn 100 punt u tinsab fid-dsatax-il post fl-Unjoni Ewropea u fid-disgħa u sittin post fid-dinja⁸². Din il-perċezzjoni naqset b'mod sinifikanti⁸³ matul l-aħħar ħames snin⁸⁴.

Ġew introdotti xi reviżjonijiet fil-liġi kriminali bl-għan li jindirizzaw it-tixħim barrani u l-pagamenti informali fil-kura tas-saħħa. Kif irrapportat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, ir-reati varji ta' korruzzjoni huma kriminalizzati⁸⁵. Bħala reazzjoni għal rakkomandazzjoni mill-OECD⁸⁶, daħlet fis-seħħ emenda għall-Kodiċi Kriminali fl-1 ta' Jannar 2021. Din l-emenda timmodifika d-definizzjoni ta' "uffiċjal pubbliku barrani" sabiex

ħsejjes elettroniċi. Fil-proċeduri ta' rikors u ta' rieżami, il-partijiet ma jistgħux jitolbu li ssir seduta. (Kontribut mill-President tal-*Kúria* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 9.)

⁸⁰ F'Ottubru 2018, il-Gvern ippreżenta quddiem il-Parlament l-Abbozz ta' Liġi T/2923. F'Ġunju 2021, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa nnota bi tħassib kbir in-nuqqas ta' progress suffiċjentement tanġibbli, b'mod partikolari li ma ġie pprovdut l-eċċessivament twal proċeduri rigward rimedji kumpensatorji li jiġu stabbiliti għall-kawżi amministrattivi u kriminali.

⁸¹ L-Att XCIV tal-2021.

⁸² Transparency International, Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni 2020 (2021), pp. 2-3. Il-livell ta' perċezzjoni tal-korruzzjoni huwa kategorizzat kif ġej: baxx (il-perċezzjoni fost l-esperti u l-eżekuttivi tan-negozju tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku hija ogħla minn 79); relattivament baxx (punteġġi bejn 79 u 60), relattivament għoli (punteġġi bejn 59 u 50), għoli (punteġġi taħt 50).

⁸³ Fl-2015, il-punteġġ kien ta' 51, filwaqt li fl-2020, il-punteġġ kien ta' 44. Il-punteġġ jiżdied/jonqos b'mod sinifikanti meta jinbidel b'aktar minn ħames punti; jitjieb/jiddeterjora (bidliet bejn 4 u 5 punti); ikun relattivament stabbli (bidliet b'minn 1 sa 3 punti) fil-ħames snin preċedenti.

⁸⁴ Id-*data* tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjoni u l-esperjenza tal-korruzzjoni taċ-ċittadini u n-negozji kif irrapportata s-sena l-oħra tiġi aġġornata kull sentejn. L-aħħar sett ta' *data* huwa l-Ewrobarometru Speċjali 502 (2020) u l-Ewrobarometru Flash 482 (2019).

⁸⁵ Il-Kodiċi Kriminali jinkludi d-definizzjonijiet rilevanti ta' korruzzjoni u ta' reati relatati u jikkriminalizza forum differenti ta' tixħim u ta' traffiku ta' influwenza, ta' approprjazzjoni indebita, miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u abbuż ta' awtorità pubblika.

⁸⁶ OECD (2019), Implementing the OECD Anti Bribery Convention – Phase 4 Report: Hungary. Ara l-Att XLIII tal-2020.

jiġi ċċarat li din tinkludi uffiċjali ta' intrapriżi pubbliċi barranin. Tintroduċi wkoll sentenzi aktar stretti għall-pagamenti ta' faċilitazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar it-tixħim ġew emendati wkoll biex jinkludu vantaġġ indebitu lill-professjonisti fil-kura tas-saħħa u b'hekk ġiet limitata l-possibbiltà ta' pagamenti informali ("ta' gratitudni") fil-kura tas-saħħa u rendew reat sussidjarju t-twegħid jew l-ġhoti ta' vantaġġi indebiti għall-ġhoti ta' servizzi tas-saħħa⁸⁷.

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni għall-2020-2022 u l-Pjan ta' Azzjoni apposta tinsab għaddejja. Kif irrapportat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, l-ambitu tal-qafas strateġiku kontra l-korruzzjoni huwa limitat għat-trawwim tal-integrità fl-amministrazzjoni pubblika. L-Istrateġija⁸⁸, adottata f'Ġunju 2020 tipprevedi azzjonijiet bħal: l-introduzzjoni u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet elettroniċi għal aktar trasparenza (pereż. sistema deċiżjonali awtomatizzata), il-monitoraġġ tar-riskji għall-integrità, taħriġ dwar l-integrità għall-impjegati taċ-ċivil, u taħriġ speċjalizzat kontra l-korruzzjoni għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, imħallfin u prosekuturi. Oqsma rilevanti oħra, bħal dispożizzjonijiet dwar l-iffinanzjar tal-partiti politiċi, id-dikjarazzjoni tal-assi, il-lobbying u r-"revolving doors" huma koperti fi strumenti speċifiċi. Madankollu, billi mhumex koperti mill-Istrateġija, in-nuqqasijiet mhumex indirizzati b'mod koordinat⁸⁹. Bl-istess mod, ir-riskji relatati mal-klijenteliżmu, mal-favoritiżmu u man-nepotiżmu fl-amministrazzjoni pubblika ta' livell għoli jew dawk li jirriżultaw mill-interfaċċja bejn in-negozji u l-atturi politiċi, għadhom ma ġewx indirizzati⁹⁰.

Għad baqa' sfidi fir-rigward tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja. Il-qafas legali jiżgura l-kundizzjonijiet għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet effiċjenti u l-pulizija u s-Servizz tal-Prosekuzzjoni jirrapportaw livelli adegwati ta' riżorsi u ta' speċjalizzazzjoni biex iwettqu l-kompiti tagħhom. Madankollu, il-prosekuturi jenfasizzaw l-isfidi fl-individwar tal-korruzzjoni u biex jiksbu l-evidenza f'każijiet bħal dawn⁹¹. Il-proċedimenti kriminali għal reati ta' korruzzjoni jinbdew prinċipalment fuq il-bażi tal-attivitajiet ta' investigazzjoni kriminali tal-awtoritajiet investigattivi. Il-maġġorparti tal-każijiet investigati jiġu individwati mis-Servizz Protettiv Nazzjonali. In-notifiki mill-awtoritajiet amministrattivi u irregolaritajiet possibbli senjalati permezz tal-għodod preventivi (pereż. dikjarazzjonijiet tal-assi, kanali ta' rapportar tal-informaturi, informazzjoni minn reġistri varji) jaqdu rwol relattivament iżgħar fl-investigazzjonijiet kriminali⁹² u l-mekkaniżmi ta' kontroll indipendenti għadhom mhumex biżżejjed biex tiġi identifikata l-korruzzjoni. Kif irrapportat is-sena li għaddiet, il-mekkaniżmi ta' kontroll indipendenti inadegwati u interkonnessjonijiet mill-qrib bejn il-politika u ċerti negozji nazzjonali jwasslu għall-korruzzjoni. Skont *data* mis-servizz tal-prosekuzzjoni, ir-rata tal-ħruġ tal-atti tal-akkuża għall-każijiet ta' korruzzjoni investigati mill-prosekuzzjoni hija kumplessivament għolja ħafna (86,5 %) ⁹³. Fl-2020 infetħu xi każijiet ġodda ta' livell għoli li

⁸⁷ Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 19.

⁸⁸ Id-Deċiżjoni tal-Gvern 1328/2020 tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar l-Istrateġija Nazzjonali ta' Nofs it-Terminu kontra l-Korruzzjoni għall-2020-2022 u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjah.

⁸⁹ Ara wkoll ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 11.

⁹⁰ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 11.

⁹¹ Informazzjoni li waslet mis-servizz tal-prosekuzzjoni fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.

⁹² Informazzjoni li waslet mis-servizz tal-prosekuzzjoni fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.

⁹³ Informazzjoni li waslet mis-servizz tal-prosekuzzjoni fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.

jinvolvu l-politiċi⁹⁴, madankollu r-rekord ta' investigazzjonijiet ta' allegazzjonijiet dwar uffiċjali fil-livelli għolja u ċ-ċirku immedjat tagħhom għadu limitat.⁹⁵ Kif innutat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt⁹⁶. L-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO fir-rigward tal-funzjonament effettiv tal-prosekuzzjoni tkompli ssaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni⁹⁷.

It-testijiet tal-integrità għadhom jitqiesu mill-awtoritajiet bħala deterrent effettiv għall-aġir korrott u wasslu għall-ftuħ ta' diversi kawżi kriminali minħabba korruzzjoni fil-livelli baxxi, fil-perjodu ta' rapportar⁹⁸. Mill-1 ta' Jannar 2021, daħlet fis-seħħ emenda ġdida tal-Att tal-Pulizija li twessa' l-ambitu tal-persunal li jista' jkun soġġett għal testijiet tal-integrità⁹⁹. Bl-istess mod, il-persunal kollu tal-organizzazzjonijiet baġitarji taħt is-superviżjoni tal-Gvern u l-membri tal-Gvern issa jista' jkun soġġett għal testijiet tal-integrità.

L-Ungerija għandha sistema estensiva ta' dikjarazzjoni tal-assi, madankollu, għad hemm tħassib dwar in-nuqqas ta' kontrolli sistematiċi u mhux biżżejjed sorveljanza tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi. Is-sistema fis-seħħ tirrikjedi li l-Membri Parlamentari, l-uffiċjali tal-gvern, u l-uffiċjali pubbliċi jiddikjaraw l-assi u l-interessi tagħhom. Madankollu, għad hemm tħassib dwar in-nuqqas ta' monitoraġġ sistematiku. Il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi¹⁰⁰ ssir biss meta jiġi nnotifikat suspett u titħalla f'idejn l-impjegatur tal-uffiċjal pubbliku jew il-Kumitat Parlamentari għall-Immunità għad-dikjarazzjonijiet tal-membri Parlamentari u tal-uffiċjali għolja tal-gvern. Il-Kumitat irrapporta li, fl-aħħar tliet snin, minn 16-il notifika mressqa għall-verifika, 15 ġew miċħuda għaliex mhux sostanzjati. Fl-unika każ li kien fadal, il-persuna kkonċernata kkorreġiet id-dikjarazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tagħha u l-proċedura ma nbdiex¹⁰¹. Kif irrapportat is-sena li għaddiet¹⁰², suspetti ta' żieda mhux ġustifikata fil-ġid jistgħu jwasslu għal proċedura ta' verifika mwettqa mill-Awtorità Nazzjonali tat-Taxxa u tad-Dwana. Madankollu, l-Awtorità tat-Taxxa tista' tibda proċeduri bħal dawn biss jekk l-awtoritajiet investigattivi jkunu fetħu wkoll inkjesti kriminali u dan jirrestrinġi l-possibbiltà għal verifiki

⁹⁴ Żewġ każijiet jikkonċernaw Viċi Segretarju tal-Istat akkużat b'tixħim passiv u uffiċjal għoli fl-amministrazzjoni tat-taxxa. Tliet każijiet oħra jikkonċernaw persuni fil-livell għoli b'karigi ta' livell għoli fis-settur privat jew organizzazzjonijiet internazzjonali (Informazzjoni li waslet mis-servizz tal-prosekuzzjoni fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija).

⁹⁵ L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali nnota li ma tinżamm l-ebda statistika separata dwar każijiet ta' "korruzzjoni fil-livelli għolja" billi din mhijiex kategorija definita fil-liġi kriminali.

⁹⁶ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 10.

⁹⁷ Ara paġna 8. GRECO Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report, ir-Rakkomandazzjoni xiv, il-paragrafi 37 u 42.

⁹⁸ Fl-2020, saru 245 test ta' din ix-xorta mis-Servizz Protettiv Nazzjonali, li wasslu għal proċedimenti kriminali kontra disa' persuni. Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 13.

⁹⁹ Ara l-Artikolu 7 tal-Att XXXIV tal-1994 dwar il-Pulizija.

¹⁰⁰ Id-dikjarazzjonijiet tal-assi – li jitqiegħdu għad-disponibbiltà tal-pubbliku u huma soġġetti għal verifiki – ma jkoprox l-arranġamenti ta' ġestjoni tal-assi fiduċjarji (*bizalmi vagyonkezelői jogviszony*), trusts (*vagyonkezelő alapítvány*), fondi ta' ekwiwità privata (*magántőkealap*) u poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja. Id-dikjarazzjonijiet tal-assi – li ma jitqiegħdux għad-disponibbiltà tal-pubbliku u mhumiex soġġetti għal verifika – ikopru l-istatus ta' trustee, trustee jew benefiċjarju f'relazzjoni fiduċjarja, kif ukoll sħubija f'fondazzjoni, bord maniġerjali ta' fondazzjoni u karigi oħra ewlenin (Informazzjoni li waslet mill-Assemblea Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija).

¹⁰¹ Informazzjoni li waslet mill-Assemblea Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.

¹⁰² Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 11.

indipendenti. B'segwitu għal emenda tar-regoli rilevanti¹⁰³, il-membri tal-Parlament iridu jiddikjaraw lill-Ispeaker kull kunflitt ta' interess jew inkompatibbiltà, u mbagħad ikunu soġġetti għal ċerti restrizzjonijiet sakemm tinstab soluzzjoni għas-sitwazzjoni. Madankollu, id-dikjarazzjonijiet tal-interess u l-informazzjoni dwar kwalunkwe segwitu mhumie x disponibbli pubblikament. Il-kwistjoni ta' superviżjoni, verifika u infurzar b'mod effettiv tar-regoli tal-kondotta, l-kunflitti tal-interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi għall-membri tal-Parlament kienet soġġetta għar-rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill-Ewropa (GRECO), li ġew implimentati parzjalment¹⁰⁴.

Ir-regolamentazzjoni tal-lobbying għadha mhijiex kompluta u hemm nuqqas ta' infurzar sistematiku tagħha¹⁰⁵. Ma hemm l-ebda obbligu ta' reġistrazzjoni tal-lobbyists u ta' divulgazzjoni tar-rapporti dwar il-kuntatti. Skont Digriet tal-Gvern tal-2013¹⁰⁶, l-impjegati tal-korpi tal-amministrazzjoni tal-istat jistgħu jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' grupp ta' interess b'rabta mal-ħidma tagħhom wara li jinfurmaw lis-superjuri tagħhom, li jistgħu ma jħallux il-laqgħa ssir. Il-laqgħat mar-rappreżentanti ta' grupp ta' interess iridu jiġu ddokumentati iżda ma hemm l-ebda obbligu li l-laqgħat isiru pubbliċi. Il-GRECO rrakkomanda sett ċar ta' regoli għall-interazzjoni mal-lobbyists fir-rigward tal-membri tal-Parlament¹⁰⁷.

Regoli ċari fir-rigward tar-revolving doors u l-perjodu ta' preklużjoni għadhom skarsi. Għad li kemm il-Kodiċi tax-Xogħol¹⁰⁸ kif ukoll leġislazzjoni speċifika applikabbli għall-uffiċjali pubbliċi¹⁰⁹ fihom klawżoli ta' kunfidenzjalità. Fil-prattika, dawn ir-regoli mhumie x infurzati, billi l-Gvern għadu jridu jispeċifika s-setturi u l-karigi li għalihom tapplika restrizzjoni ċara taż-żmien għall-uffiċjali pubbliċi biex ikompli b'karriera ta' negozju fil-qasam li kienu attivi fih¹¹⁰.

Il-finanzjament tal-partiti fl-Ungerija għadu sors ta' thassib¹¹¹. L-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat huwa inkarigat li jissorvelja r-rendikontabbiltà tal-użu tal-fondi pubbliċi u jikkontrolla l-legalità tal-ġestjoni finanzjarja tal-partiti politiċi. Kif innutat ukoll mill-GRECO, filwaqt li xi miżuri ttieħdu biex jiġi żgurat li r-reġistri finanzjarji tal-partiti politiċi jkunu trasparenti u aġġornati, biex jiġu ċċarati l-perjodi ta' kampanja elettorali u l-għejjun tal-

¹⁰³ L-Att XXXVI tal-2012 dwar l-Assemblea Nazzjonali emendat f'Diċembru 2019.

¹⁰⁴ GRECO (2020), Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report on Hungary – Corruption prevention in respect of members of parliament, judges and prosecutors, p. 5.

¹⁰⁵ Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, pp. 11-12.

¹⁰⁶ Id-Digriet tal-Gvern 50/2013 tal-25 ta' Frar 2013 dwar is-sistema tal-ġestjoni tal-integrità fil-korpi tal-amministrazzjoni pubblika u r-regoli proċedurali biex jiġu riċevuti l-lobbisti.

¹⁰⁷ GRECO (2020), Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report on Hungary – Corruption prevention in respect of members of parliament, judges and prosecutors.

¹⁰⁸ L-Artikolu 8(4) tal-Att I tal-2012.

¹⁰⁹ L-Artikolu 93(1)(g) tal-Att CXXV tal-2018.

¹¹⁰ It-terminu tar-restrizzjoni speċifikat mil-liġi huwa l-ekwivalenti taż-żmien attiv fl-impjieg soġġett għar-restrizzjoni, għal massimu ta' sentejn (l-Artikolu 117(2) tal-Att CXXV tal-2018). L-Artikolu 117(1) tal-Att CXXV tal-2018 jistipula li l-Gvern irid jiddetermina s-setturi u l-karigi li fihom uffiċjal tal-gvern ma jistax jiġi impjegat wara t-terminazzjoni tas-servizz pubbliku tiegħu. Din id-dispożizzjoni għad trid tiġi implimentata.

¹¹¹ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 12.

introjtu tal-partiti, kif ukoll biex jiġi żgurat monitoraġġ aktar fil-fond, għad baqa' xi tħassib kumplessiv fir-rigward tat-trasparenza tal-finanzjament tal-partiti¹¹².

Hemm qafas regolatorju fis-seħħ għall-protezzjoni tal-informaturi u huma meħtieġa passi ulterjuri biex tissaħħaħ il-protezzjoni fil-prattika. L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi¹¹³ jipprovdi anonimità lill-informaturi u jaġhti lok biex l-ilmenti jitressqu b'mod elettroniku. Id-dikjarazzjonijiet ta' interess pubbliku jiġu investigati mill-istituzzjonijiet ikkonċernati, u t-tweġiba tagħhom li jkun fiha r-riżultat tal-investigazzjoni għandha tittella' fir-reġistru elettroniku. L-informatur ma jistgħux jinżammu responsabbli għar-rappurtar tagħhom sakemm ma jinstabx li jkunu għamlu rapport falz apposta¹¹⁴. Il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali, jaġixxi bħala kanal ta' rapportar¹¹⁵ u jopera l-pjattaforma elettronika iżda għandu biss kompetenza formali limitata fir-rigward tal-ilmenti minn informaturi¹¹⁶. L-OECD tirrikonoxxi l-aspetti pożittivi tal-qafas regolatorju, iżda qajmet tħassib fir-rigward tal-effettività tal-protezzjoni tal-informaturi¹¹⁷.

Ir-restrinġiment tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku żied ir-riskju tal-korruzzjoni. Liġi ġdida¹¹⁸ adottata fis-27 ta' April 2021 ħassret rekwiżit speċifiku tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku¹¹⁹, u b'hekk neħħiet it-trusts stabbiliti mill-Istat, kif ukoll il-persuni ġuridiċi ġestiti minni, mill-kamp ta' applikazzjoni espliċitu tar-regoli dwar l-akkwist fir-rigward tal-akkwisti ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea¹²⁰. L-istess liġi tneħħi wkoll regoli li għandhom l-għan li jipprevjenu l-kunflitt ta' interess, u b'hekk tippermetti lil min għandu kariga pubblika jkun fil-bord ta' trustees ta' trusts bħal dawn.

¹¹² GRECO (2019), Third Evaluation Round - Second *Addendum* to the Second Compliance Report, il-paragrafu 24.

¹¹³ L-Att CLXV tal-2013 dwar l-ilmenti u l-whistleblowing.

¹¹⁴ L-Att CLXV tal-2013 jipprevedi li l-korpi pubbliċi u l-korpi governattivi lokali huma intitolati li jipproċedu fi kwistjonijiet relatati mar-rapporti mill-informaturi (l-Artikolu 1(1) u (4)). Meta jkun jidher biċ-ċar li l-informatur irrapporta informazzjoni mhux veritiera ta' importanza kruċjali *in mala fede*, u dan iwassal għal indikazzjoni li twettaq reat jew kien hemm ksur, id-*data* personali tal-informatur għandha tingħata lill-korp jew lill-persuna intitolata li tmexxi l-proċedimenti. Meta jkun hemm il-probabbiltà li l-informatur ikkaġuna dannu illeċitu jew ħsara oħra għad-drittijiet ta' ħaddieħor, id-*data* personali tiegħu jew tagħha għandha tingħata lill-korp jew lill-persuna intitolata li tibda jew tmexxi l-proċedimenti, meta din tagħmel talba għaliha (l-Artikolu 3(4)).

¹¹⁵ Kanali oħra ta' rapportar huma l-Kanal tal-Impjegatur u s-Sistema ta' Kontroll Intern tal-korpi pubbliċi.

¹¹⁶ Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 12. Fil-prattika, il-kompitu ewlieni tal-Ombudsman huwa li jgħaddi r-rapporti lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn ir-rapporti ma jiġux trazzmessi awtomatikament lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u, minflok, l-ewwel issir investigazzjoni amministrattiva mill-konsulent dwar l-integrità tal-istituzzjoni kkonċernata. Il-konsulenti dwar l-integrità jirrapportaw direttament lill-kap tal-istituzzjoni tagħhom. Jew billi ssir talba jew inkella *ex officio*, l-Ombudsman jista', madankollu, jeżamina jekk dawk l-awtoritajiet ikunux segwew ir-rapporti b'mod xieraq. Id-dikjarazzjonijiet ta' interess pubbliku jiġu investigati mill-istituzzjonijiet ikkonċernati, u t-tweġiba tagħhom li jkun fiha r-riżultat tal-investigazzjoni tittella' f'reġistru elettroniku.

¹¹⁷ <https://www.oecd.org/corruption/anti-bribery/OECD-Hungary-Phase-4-Report-ENG.pdf>.

¹¹⁸ L-Att VIII tal-2021 li jemenda l-edukazzjoni għolja u ċerti liġijiet relatati.

¹¹⁹ L-Artikolu 5(3) tal-Att CXLIII tal-2015 dwar l-akkwist pubbliku, li jiddefinixxi l-entitajiet meħtieġa japplikaw ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku: "Fir-rigward ta' akkwisti ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea, it-trusts stabbiliti mill-Istat għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kif ukoll persuni ġuridiċi ġestiti minn trusts bħal dawn [...]".

¹²⁰ It-trusts ta' interess pubbliku li jwettqu doveri pubbliċi u persuni ġuridiċi ġestiti minnhom mhumix koperti b'mod espliċitu mill-Artikolu 5(1) tal-Att CXLIII tal-2015 dwar l-akkwist pubbliku. Dawn jistgħu jaqgħu taħt l-Artikolu 5(2) iżda fir-rigward ta' akkwisti ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea, dik id-dispożizzjoni ma tkoprix is-sitwazzjonijiet kollha li kienu koperti mill-eks Artikolu 5(3), imħassar mill-Att VIII tal-2021.

Għadd ta' investigazzjonijiet tal-OLAF tlestew bl-appoġġ tal-AFCOS Ungeriż (servizz ta' koordinazzjoni kontra l-frodi). F'dawn l-aħħar snin, l-għadd ta' atti ta' akkuża b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji tal-OLAF, fl-Ungerija kien oġġla mill-medja tal-UE. Madankollu, minkejja talbiet ripetuti, l-awtoritajiet tal-Ungerija għadhom ma kkomunikawx awtorità inkarigata li tipprovdi assistenza lill-OLAF matul il-verifiki tiegħu fil-post jekk operatur ekonomiku soġġett għal kontroll jirrifjuta li jikkoopera. Qiegħed jiġi nnutat ukoll fil-qasam tal-ġestjoni kondiwiża, li l-awtoritajiet tal-Ungerija ta' sikwit jirtiraw proġetti mill-finanzjament tal-UE meta l-OLAF joħroġ rakkomandazzjoni finanzjarja, jew xi drabi meta l-awtoritajiet isiru jafu li nfetħet investigazzjoni tal-OLAF. Barra minn hekk, jidher li l-ammonti dovuti ma jiġux irkuprati b'mod sistematiku mill-operatur ekonomiku li jkun wettaq l-irregolarità jew il-frodi¹²¹. F'każijiet bħal dawn, is-sussidju tal-UE sempliċiment jiġi sostitwit minn fondi nazzjonali, b'impatt negattiv fuq l-effett ta' deterrent tal-investigazzjoni tal-OLAF u riskji akbar għall-baġit nazzjonali. Matul il-perjodu 2016-2020, l-Ungerija kellha 32 investigazzjoni tal-OLAF magħluqa b'rakkomandazzjoni finanzjarja fiż-żewġ oqsma ewlenin tal-ġestjoni kondiwiża¹²².

L-awtoritajiet irrikonoxxew li l-pandemija tal-COVID-19 tista' żżid ir-riskji ta' korruzzjoni, iżda ma nħass il-bżonn ta' ebda miżura speċifika¹²³. Il-partijiet ikkonċernati indikaw tħassib fil-qasam tal-akkwist pubbliku, fejn derogi mir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u għotjiet diretti, flimkien ma' nuqqasijiet fl-aċċess għall-informazzjoni jżidu r-riskju tal-korruzzjoni u nisslu dubji fir-rigward tal-akkwist ta' tagħmir mediku permezz ta' kumpaniji intermedjarji¹²⁴.

III. IL-PLURALIŻMU TAL-MEDIA U L-LIBERTÀ TAL-MEDIA

Il-Liġi Fundamentali tal-Ungerija¹²⁵ u l-leġiżlazzjoni settorjali, b'mod partikolari l-Att dwar il-Media¹²⁶ u l-Att dwar il-Libertà tal-Istampa¹²⁷, jipprovdu l-qafas legali għall-protezzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media. L-Att dwar il-Libertà tal-Istampa jistipula li l-libertà tal-istampa tinkludi l-indipendenza mill-Istat u minn kwalunkwe organizzazzjoni u grupp ta' interess. Id-dritt għall-aċċess għall-informazzjoni pubblika huwa rikonoxxut mil-Liġi Fundamentali u huwa espress fl-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni¹²⁸. L-Att dwar il-Media jistabbilixxi l-Awtorità Nazzjonali dwar il-Media u l-Komunikazzjoni tal-Informazzjoni (l-Awtorità dwar il-Media), li l-korp deċiżjonali tagħha huwa l-Kunsill tal-Media¹²⁹. Fl-2019

¹²¹ Informazzjoni mill-OLAF bi thejjiġa għal dan ir-rapport dwar l-istat tad-dritt.

¹²² Ir-Rapport tal-OLAF tal-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet finanzjarji huma indirizzati mill-OLAF lill-istituzzjonijiet tal-UE jew lill-awtoritajiet nazzjonali li jipprovdu jew jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE biex ifittxu li jirkupraw il-fondi tal-UE ffrodati lill-baġit tal-UE.

¹²³ Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17.

¹²⁴ Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija. Ara wkoll il-kontribut minn K-Monitor u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 12-13.

¹²⁵ L-Artikolu IX(2) jistipula li: *"L-Ungerija għandha tirrikonoxxi u tipproteġi l-libertà u d-diversità tal-istampa u għandha tiżgura l-kondizzjonijiet għat-tixrid liberu tal-informazzjoni meħtieġ għall-formazzjoni ta' opinjoni pubblika demokratika"*.

¹²⁶ L-Att CLXXXV tal-2010 dwar is-Servizzi tal-Media u dwar il-Media tal-Massa, kif emendat bl-Att LXIII tal-2019.

¹²⁷ L-Att CIV tal-2010 dwar il-Libertà tal-Istampa.

¹²⁸ L-Att CXII tal-2011 dwar id-Dritt għall-Awtodeterminazzjoni Informazzjonali u dwar l-Libertà tal-Informazzjoni.

¹²⁹ Bejn l-2020 u l-2021, l-Ungerija niżlet tliet postijiet oħra fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa ta' Reporters mingħajr Fruntieri, u issa tinsab fit-tnejn u disgħin post fid-dinja u fis-sitta u għoxrin post fl-UE.

ġiet adottata leġislazzjoni biex tallinja l-leġislazzjoni Ungeriża mad-Direttiva tas-Servizz tal-Media Awdjoviżiva (AVMS - Audiovisual Media Service)¹³⁰.

Għad hemm tħassib fir-rigward tal-indipendenza u l-effettività tal-Kunsill tal-Media u tal-Awtorità tal-Media. L-Att LXIII tal-2019, li jittrasponi d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, saħħaħ ċerti dispożizzjonijiet relatati mar-riżorsi u mat-trasparenza operattiva tal-Awtorità¹³¹. L-Awtorità għandha awtonomija baġitarja u tirrapporta kull sena lill-Parlament. Timpjega 650 ruħ bħala persunal¹³². Il-Kunsill tal-Media, il-korp deċiżjonali tal-Awtorità tal-Media, huwa magħmul minn President¹³³ u minn erba' membri eletti mill-Parlament. Filwaqt li r-regoli dwar in-nomina, li ma nbidlux mir-rapport tas-sena l-oħra, jiffavorixxu l-kunsens politiku fil-ħatra tal-membri tal-Kunsill tal-Media¹³⁴, fil-prattika dawn wasslu biex il-partit fil-gvern innomina l-membri kollha. Ċerti deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Media komplew iżidu mat-tħassib rigward l-indipendenza effettiva tiegħu¹³⁵. L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021 tikkonferma l-valutazzjoni preċedenti tagħha li filwaqt li l-Liġi dwar il-Media tiggarrantixxi formalment l-indipendenza tal-Awtorità tal-Media, il-proċeduri ta' ħatra ma jipprovdwx salvagwardji legali adegwati għall-indipendenza, u għal darb'oħra jwasslu biex jiġi rreġistrat riskju medju għall-Ungerija f'termini tal-indipendenza u l-effettività tal-Awtorità tal-Media¹³⁶.

Il-pluraliżmu tal-media kompla sejjer għall-agħar fl-Ungerija. Wara li twaqqaf il-konglomerat tal-media “KESMA”¹³⁷ f'Novembru 2018, sa issa, ma kien hemm l-ebda tentattiv mill-Awtorità tal-Media li teżamina l-impatt tiegħu fuq il-pluralità u d-diversità tas-suq tal-media fl-Ungerija. Skont il-partijiet ikkonċernati, filwaqt li firxa wiesgħa ta' mezzi

¹³⁰ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-14 ta' Novembru 2018.

¹³¹ L-Att dwar il-Media jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Awtorità, filwaqt li jistipula li hija “*agenzia regolatoria autonoma subordinata biss għal-liġi*” (l-Artikolu 109) u li l-Kunsill tal-Media huwa “*korp indipendenti tal-Awtorità li jirrapporta lill-Parlament soġġett biss għad-dritt tal-Ungerija*” (l-Artikolu 123).

¹³² Informazzjoni li waslet mill-Awtorità Nazzjonali dwar il-Media u l-Komunikazzjoni tal-Informazzjoni fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.

¹³³ Il-President tal-Awtorità tal-Media jiġi awtomatikament innominat għall-kariga ta' President tal-Kunsill tal-Media.

¹³⁴ Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja (l-Opinjoni CDL-AD(2015)015), id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Media relatati mal-ħatra u mat-tkeċċija tal-President u tal-membri tal-Kunsill tal-Media ġew emendati kif xieraq. L-Artikolu 124 tal-Att dwar il-Media jeħtieġ deċiżjoni unanima tal-kumitat parlamentari *ad hoc* inkarigat min-nomina tal-kandidati. (Il-President tal-Awtorità tal-Media huwa kandidat *ex officio*.) Il-kumitat tan-nomina huwa magħmul minn Membru wieħed minn kull grupp politiku; is-setgħa tal-vot ta' kull Membru tirrifletti d-daqs tal-grupp politiku li jirrappreżenta. Jekk il-kumitat tan-nomina ma jkunx jista' jippreżenta erba' nomini sat-terminu stipulat, dan jista' jinnomina kandidati li jkollhom tal-anqas żewġ terzi tal-voti ponderati.

¹³⁵ Il-partijiet ikkonċernati osservaw li l-Awtorità tal-Media ddistribwiet il-frekwenzi tar-radju lil stazzjonijiet favur il-gvern fi proċeduri mhux trasparenti (Kontribut mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 35) u kienet parzjali fl-approvazzjoni tal-fużjonijiet tas-suq tal-media (kontribut minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 34). Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Media jistgħu jkun soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju.

¹³⁶ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021, rapport dwar l-Ungerija, pp.11-12.

¹³⁷ Il-Fondazzjoni tal-Istampa u tal-Media tal-Ewropa Ċentrali. Rapport *ad hoc* miċ-Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Media u għal-Libertà tal-Media kkonkluda fl-2019 li t-twaqqif ta' KESMA kien se jiggrava r-riskji kumplessivi għall-pluraliżmu tal-media fl-Ungerija (ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 14). Fil-25 ta' Ġunju 2020, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat il-kostituzzjonalità tad-Digriet tal-Gvern li jikklassifika bħala ta' importanza strateġika nazzjonali l-intenzjoni li l-Fondazzjoni tal-Istampa u tal-Media tal-Ewropa Ċentrali tiġi estiża (id-Deċiżjoni 16/2020. (VII. 8.) AB).

tal-media għadhom joperaw fl-Ungerija, id-diversità tas-suq tal-media huwa milqut negattivament minħabba l-konċentrazzjoni tas-sjieda f'idejn ftit negozjanti favur il-gvern u n-nuqqas ta' indipendenza editorjali minħabba f'hekk¹³⁸. L-organizzazzjonijiet Ungeriżi u Ewropej għal-libertà tal-media, kif ukoll is-soċjetà ċivili, esprimew tħassib¹³⁹ fir-rigward tar-rifjut tal-Kunsill tal-Media li jgħedded il-liċenzja tax-xandir ta' *Klubrádió*, stazzjon tar-radju indipendenti, fuq il-bażi tal-allegat nuqqas tal-istazzjon li jikkonforma ma' ċerti obbligi amministrattivi. Dan wassal biex ir-radio jieqaf ixandar. Fis-17 ta' Ġunju 2021, il-*Kúria* kkonfermat id-deċizzjoni tal-Kunsill tal-Media. Fid-9 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni nediet proċedura ta' ksur kontra l-Ungerija fir-rigward ta' dan il-każ¹⁴⁰. L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021 ikkonfermat il-punteġġ ta' riskju għoli tas-sena preċedenti fir-rigward tal-konċentrazzjoni tal-media tal-aħbarijiet fid-dawl tal-ħolqien u l-operat ta' KESMA, u minħabba l-akkwizzizzjoni ekonomika tas-sit indipendenti tal-media tal-aħbarijiet *Index.hu* minn gruppi ta' interess favur il-gvern¹⁴¹.

It-trasparenza tas-sjieda tal-media għadha mhijiex garantita għalkollox. Il-qafas legali attwali jinkludi regoli ta' trasparenza dwar is-sjieda tal-media f'każijiet speċifiċi biss¹⁴², u bħalissa ma hemm l-ebda pjan biex jiġi emendat. Filwaqt li xi *data* dwar is-sjieda hija disponibbli mir-reġistru nazzjonali¹⁴³, hija biss informazzjoni bażika dwar is-sjieda tal-kumpaniji li hija aċċessibbli liberament mir-reġistru tal-kumpaniji¹⁴⁴. L-Għodda għall-

¹³⁸ Skont l-Istitut Internazzjonali għall-Istampa, il-koordinazzjoni tal-kontenut tal-media favur il-gvern, speċjalment permezz tal-fondazzjoni KESMA, wasslet għal dominanza tan-narrattiva tal-istat b'mod partikolari fiż-żoni rurali (kontribut mill-Istitut Internazzjonali għall-Istampa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 3). Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija kkorroborat din il-valutazzjoni.

¹³⁹ Kontribut mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 37-38. Kontribut mill-Istitut Internazzjonali għall-Istampa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 2; kontribut minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 35; Id-dikjarazzjoni tal-15 ta' Marzu 2021 taċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media.

¹⁴⁰ Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Media li jirrifjuta l-applikazzjoni ta' *Klubrádió* huma bbażati fuq raġunijiet dubjużi, huma sproporzjonati u mhux trasparenti bi ksur tar-regoli tal-UE dwar it-telekomunikazzjoni, stipulati fil-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (id-Direttiva (UE) 2018/1972).

¹⁴¹ Ir-rapport tal-2021 tal-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media dwar l-Ungerija, p. 17 u r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 14. F'Marzu 2020, investitur favur il-gvern kiseb kontroll fuq il-kumpanija li tiġġenera d-dħul ta' *Index.hu*; f'Awwissu 2020, il-kap editur tneħħa mill-kariga, li wassal għar-riżenja ta' 90 ġurnalist f'daqqa, li ddeskrivew it-tkeċċija tal-kap editur tagħhom bħala "tentattiv ċar biex issir pressjoni" (kontribut mill-Istitut Internazzjonali għall-Istampa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 3; ara wkoll il-kontribut minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 39). Sussegwentement, l-ex ħaddiema ta' *Index.hu* nedew *Telex*, portal tal-aħbarijiet indipendenti ffinanzjat privatament permezz ta' finanzjament kollettiv. Skont il-Gvern, it-tkeċċija tal-kap editur ta' *Index.hu* hija kwistjoni li ttrigwarda l-qasam tal-liġi tax-xogħol; l-impjegatur (organizzazzjoni kummerċjali, attur tas-suq) għandu d-dritt li jitermina r-relazzjoni legali mal-impjegatur fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet u r-raġunijiet stipulati mil-liġi; b'rabta mad-deċiżjoni speċifika ta' impjegatur, il-Gvern ma għandu l-ebda kompetenza.

¹⁴² Fornituri ta' servizzi tal-media lineari jridu jinnotifikaw lill-Awtorità tal-Media dwar is-sjieda diretta jew indiretta tagħhom (jew tal-kumpanija omm tagħhom) ta' fornituri tas-servizzi tal-media Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 14.

¹⁴³ Informazzjoni li waslet mill-Gvern fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.

¹⁴⁴ Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 14.

Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021 tkompli tikklassifika t-trasparenza tas-sjieda tal-media f'riskju għoli¹⁴⁵.

L-allokazzjoni tar-reklamar tal-Istat jibqa' jippermetti lill-Gvern jeżerċita influwenza politika indiretta fuq il-media. Kif irrapportat is-sena l-oħra, ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni li tirregola d-distribuzzjoni tar-reklamar tal-istat. L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021 jenfasizza li l-istat huwa dak li jonfoq l-aktar fir-reklamar fl-Ungerija, u jonfoq bejn wiehied u ieħor terz tad-dħul totali mir-reklamar tas-suq¹⁴⁶. Id-*data* tiżvela li fl-2020 l-Istat Ungeriż żied l-infiq tiegħu fuq ir-reklamar bi 13,8 % matul l-2019, b'85 % ta' dak id-dħul jasal għand il-kumpanija tal-media favur il-gvern¹⁴⁷. Din is-sitwazzjoni tippermetti kontroll kemm fuq il-mezzi favur il-gvern kif ukoll fuq ċerti mezzi indipendenti li wassal biex l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021 tikkonsidra li l-indipendenza editorjali tinsab fl-ogħla riskju (92 %) fil-pajjiż¹⁴⁸. Filwaqt li ma ġiet stabbilita l-ebda skema ta' appoġġ għall-media biex tagħmel tajjeb għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-mezzi tal-media tal-aħbarijiet, l-Awtorità tal-Media eżentat lill-fornituri tas-servizzi tal-media lineari kummerċjali milli jħallsu l-miżata ta' kull trimestru għall-forniment tas-servizzi tal-media għall-ewwel nofs tal-2021.

Ġie ristrett l-aċċess għall-informazzjoni pubblika matul il-miżuri ta' emerġenza introdotti waqt il-pandemija tal-COVID-19. Ir-regoli tal-Att dwar il-Libertà tal-Infurmazzjoni ma nbidlux; dawn jipprovdu li kwalunkwe "organu li jwettaq dmirijiet publiċi" jrid jipprovdi aċċess għad-*data* ta' interess pubbliku fil-kontroll tiegħu jekk jintalab jagħmel dan soġġett għall-eċċezzjonijiet stipulati f'dak l-Att¹⁴⁹. L-iskadenza statutorja għat-trattament ta' talbiet bħal dawn hija ta' 15-il jum, li tista' tiġi estiża bi 15-il jum¹⁵⁰. Madankollu, matul il-pandemija, il-Gvern ħareġ digriet¹⁵¹ li jippermetti lill-awtoritajiet publiċi jittardjaw l-aċċess għad-dokumenti publiċi sa 90 jum f'każ li tali għoti ta' informazzjoni jkun jidher bħala li "jipperikola li l-istituzzjoni pubblika taqdi d-doveri tagħha relatati mal-istat ta' emerġenza". Fit-13 ta' April 2021, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li filwaqt li d-dispożizzjonijiet il-ġodda huma konformi mal-Liġi Fundamentali, id-derogi mill-iskadenzi normali jridu jkunu limitati għall-każijiet li fihom it-trattament tat-talba jimpedixxi lil min ikollu informazzjoni pubblika jwettaq il-kompiti relatati mal-ġlieda kontra l-pandemija u jeħtieġ li jkunu debitament ġustifikat bil-miktub¹⁵². Il-partijiet ikkonċernati indikaw li fil-prattika ta' sikwit kien isir abbuż minn din id-deroga, b'impatt kbir fuq il-

¹⁴⁵ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021, rapport dwar l-Ungerija, p. 13.

¹⁴⁶ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021, rapport dwar l-Ungerija, p. 18.

¹⁴⁷ *Ibid.*, p. 18.

¹⁴⁸ *Ibid.*, p. 17.

¹⁴⁹ L-iżvelar proattiv tad-*data* għadu sfida wkoll, b'70 % tal-muniċipalitajiet li ma jippubblikawx l-informazzjoni minima meħtieġa fuq is-sit web tagħhom (Budapest Institute, Corruption Research Center Budapest (2019)). Għadha fis-seħħ leġiżlazzjoni speċifika li tillimita l-aċċess għad-dokumenti u għall-informazzjoni pubblika (pereż. l-Artikolu 5 tal-Att VII tal-2015 relatat mal-Impjant Nukleari ta' Paks u l-Artikolu 2(3) tal-Att XXIX tal-2020 relatat mal-implimentazzjoni tal-proġett tal-konnessjoni ferrovjarja Budapest-Belgrad.

¹⁵⁰ L-Artikolu 29(1) u (2) tal-Att CXII tal-2011.

¹⁵¹ Id-Digriet tal-Gvern 521/2020 tal-25 ta' Novembru 2020. Skont dawn ir-regoli, it-talba tista' tiġi ssodisfata mill-korp tas-servizz pubbliku fi żmien 45 jum (kuntrarjament għar-regola ġenerali ta' 15-il jum) minn meta tiġi riċevuta t-talba, fl-eventwalità li jkun hemm il-probabbiltà li jekk it-talba tiġi ssodisfata fil-limitu ta' żmien ta' 15-il jum, dan jipperikola t-twettiq ta' kompiti publiċi relatati mal-istat ta' periklu, imwettqa mill-korp pubbliku tal-kontrollur tad-*data*. L-iskadenza li diġà tkun ġiet estiża tista' tiġi estiża wkoll għal mhux aktar minn 45 jum ieħor jekk dawn il-kundizzjonijiet jibqgħu japplikaw.

¹⁵² Id-Deċiżjoni 15/2021. (V. 13.) AB.

ġurnalisti indipendenti b'mod partikolari, li skont dak li ġie rrapportat, ma setgħux jiksibu aċċess tempestiv għad-*data* dwar l-infiq pubbliku jew il-vaċċinazzjonijiet¹⁵³. Dan kompli jgħarraġ aktar is-sitwazzjoni tal-mezzi tal-media indipendenti li jsibuha diffiċli li jaċċessaw l-informazzjoni b'mod tempestiv¹⁵⁴. In-nuqqasijiet fl-aċċess għall-informazzjoni pubblika rrapportati s-sena li għaddiet¹⁵⁵, inkluż fir-rigward tat-tariffi imposti¹⁵⁶, għadhom problema anki għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Billi d-Disa' Emenda għal-Liġi Fundamentali tat definizzjoni restrittiva ta' "fondi pubbliċi"¹⁵⁷, tqajmu dubji mill-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-konsegwenzi possibbli fuq ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika relatata mal-kumpaniji pubbliċi u t-trusts ta' interess pubbliku¹⁵⁸.

¹⁵³ Skont il-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti, il-Gvern uża l-pandemija tal-COVID-19 biex jeżerċita kontroll ulterjuri fuq l-aċċess għall-informazzjoni billi l-limita l-aċċess għall-konferenzi tal-istampa, wieġeb biss għat-talbiet ta' informazzjoni mingħand il-media favur il-gvern u pprojbixxa lir-rappreżentanti tas-settur tas-saħħa lokali milli jitkellmu mal-media u minflok, il-mistoqsijiet kollha b'raba mal-pandemija kellhom jgħaddu minn "unità operattiva" ċentrali (kontribut mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 39). Din il-valutazzjoni ġiet ikkorroborata wkoll mill-informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.

¹⁵⁴ Skont il-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti, il-mezzi indipendenti tal-media ma jitħallewx jintervistaw lill-uffiċjali pubbliċi u ta' sikwit jiġu esklużi minn avvenimenti pubbliċi (kontribut mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 38). Riċerka mill-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili żvelat xkiel sistemiku mill-Gvern fil-ħidma tal-media indipendenti fl-għamla ta' talbiet għall-informazzjoni mill-istampa li jiġu injorati, rifjut b'mod ċar u tond, restrizzjonijiet fiżiċi applikati fil-konfront tal-ġurnalisti, skreditar, stigmatizzazzjoni, u intimidazzjoni tas-sorsi tagħhom (kontribut minn K-Monitor u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 18; kontribut minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 43; Kontribut mill-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 40).

¹⁵⁵ Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 15.

¹⁵⁶ Id-Digriet tal-Gvern 301/2016 tat-30 ta' Settembru 2016 jippermetti lill-istituzzjonijiet pubbliċi jirrikjedu r-rimborż tal-kostijiet imġarrba mit-talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni pubblika fl-eventwalità li t-tweġiba għat-talba tkun tinvolvi xogħol addizzjonali min-naħa tal-awtorità pubblika (pereż. il-ħin, ta' aktar minn erba' sigħat, meħtieġ biex jinstabu, jiġu organizzati, ikkuppjati u sanitizzati d-dokumenti mitluba)). Mit-300 ilment indirizzati mill-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-*Data* u għal-Libertà tal-*Informazzjoni* fl-2018, madwar 10 % kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni mhux ġustifikata ta' tariffi (l-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-*Data* u għal-Libertà tal-*Informazzjoni* (2019). Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 15. Il-Gvern jinnota li mhuwiex obligatorju li tintalab miżata għall-ħidma addizzjonali min-naħa tal-awtorità pubblika. Kwistjoni oħra hija relatata mat-tul tal-proċedimenti tal-qorti fil-kawżi li jirrigwardaw l-aċċess għall-informazzjoni pubblika; il-partijiet ikkonċernati jirrapportaw li bħala medja, dan jista' jespandi għal sena u nofs (kontribut minn K-Monitor u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 6).

¹⁵⁷ Skont l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tat-2 ta' Lulju 2021, effett tal-emenda jista' jkun li l-ħidma interna tal-fondazzjonijiet stabbiliti riċentement u d-dħul u l-infiq tagħhom jistgħu jitqiesu bħala "privati" u b'hekk mhux soġġetti għall-iskrutinju tas-soċjetà ċivili u tal-media, billi mhuwiex soġġetti għal talbiet ta' libertà tal-informazzjoni miċ-ċittadini u l-media, u għalhekk jiġu mminati l-libertà tal-informazzjoni u t-trasparenza tal-istat (Opinjoni dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-parlament Ungeriż f'Diċembru 2020 (CDL(2021)028), il-paragrafu 70). Il-Kummissjoni ta' Venezja ċċarat li d-definizzjoni l-ġdida ma tneħħix id-doveri ta' rendikontabbiltà lill-entitajiet privati li jimmaniġġjaw fondi pubbliċi, li huma stabbiliti b'mod ċar fl-Artikolu 39(2) tal-Liġi Fundamentali. Madankollu, in-natura pubblika ta' dawn il-fondi, u l-garanziji korrispondenti tat-trasparenza, jistgħu jsiru aktar inċerti wara t-tieni trasferiment ta' "flus pubbliċi" bħal dawn lil entità oħra.

¹⁵⁸ Ara pereżempju l-kontribut minn K-Monitor u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 18; kontribut minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital u Transparency

Il-ġurnalisti u l-mezzi tal-media baqgħu jaffaċċjaw diversi theddidiet fl-Ungerija. Skont il-partijiet ikkonċernati, il-ġurnalisti li jaħdmu mal-media indipendenti huma soġġetti għal narrattivi negattivi mill-media favur il-gvern¹⁵⁹ u mir-rappreżentanti tal-gvern¹⁶⁰. Il-partijiet ikkonċernati jirrapportaw li l-ġurnalisti nisa jinsabu f'sitwazzjoni aktar imwiegħra; xi wħud jirrapportaw ukoll fastidju online bbażat fuq il-ġeneru¹⁶¹. Il-qrati komplew jordnaw miżuri proviżorji li jipprojbixxu d-distribuzzjoni tar-rivista¹⁶². Sa minn Ottubru 2020, il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnalisti u tas-sikurezza tal-ġurnalisti ppubblikat ħames allerti oħra li jirrigwardaw l-Ungerija. Dawn ikkonċernaw, rispettivament: it-tkeċċija tal-ex editur ta' *Index.hu*, il-portal tal-aħbarijiet online, qabel l-akkwiżizzjoni tiegħu; struzzjonijiet maħruġa mill-Ministeru għall-Affarjiet Barranin u l-Kummerċ għall-ambaxxati fl-Istati Membri tal-UE biex jipprovdu informazzjoni rigward vjaġġi fuq xogħol li jsiru minn ġurnalisti Ungeriżi; inibizzjoni maħruġa minn qorti ċivili li ma tħallix gazzetta ta' kull ġimgħa tippubblika artiklu dwar kumpanija u s-sidien tagħha minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tad-*data*; l-interrogatorju mill-pulizija ta' żewġ ġurnalisti li ppubblikaw artikli dwar personalità pubblika u r-rifjut imsemmi hawn fuq mill-Kunsill tal-Media li jġedded il-liċenzja tar-radju ta' *Klubrádió*¹⁶³. Fl-2021, il-Pjattaforma ppubblikat allerta rigward dak li l-Pjattaforma se jhet "dagħdigħa ta' tghajir" kontra ġurnalist Awstrijak mix-xandar pubbliku tal-Ungerija.

International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 43; Kontribut mill-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 4. L-Artikolu 39(3) tal-Liġi Fundamentali jiddefinixxi "fondi pubbliċi" bħala "dħul, infiq u talbiet tal-Istat". L-impatt ta' din l-emenda fuq l-aċċess għall-informazzjoni pubblika, b'mod partikolari fir-rigward tal-kumpaniji pubbliċi u trusts ta' interess pubbliku għad irid joħroġ fid-deher. Il-Liġi Fundamentali tirrikjedi li d-*data* relatata mal-fondi pubbliċi u l-assi nazzjonali titqies *data* ta' interess pubbliku (l-Artikolu 39(2)). Id-definizzjoni legali komprensiva ta' "informazzjoni pubblika" (l-Artikolu 3, il-punt 5, tal-Att CXII tal-2011 dwar id-Dritt ta' Awtodeterminazzjoni Informattiva u dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni) ma ġietx emendata. Skont il-Gvern, l-emenda tal-Liġi Fundamentali ma għandhiex impatt fuq l-aċċess għall-informazzjoni pubblika kkontrollata minn entitajiet li jwettqu kompiti pubbliċi, pereżempju minn trusts ta' interess pubbliku. Madankollu, meta japplikaw il-liġi, il-qrati huma meħtieġa jinterpretaw it-test tal-liġijiet f'konformità mal-Liġi Fundamentali (l-Artikolu 28 tal-Liġi Fundamentali). Din l-emenda diġà affettwat il-ġurisprudenza dwar l-eżekuzzjoni ġudizzjarja tal-libertà tal-informazzjoni: fil-11 ta' Jannar 2021, il-Qorti Reġjonali ta' Székesfehérvár (is-Sentenza 26.P.20.281/2020/9), ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Reġjonali ta' Győr (is-Sentenza Pf.III.20.050/2021/3) fid-29 ta' April 2021, ikkonstatat li, għall-finijiet tad-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 39(3) tal-Liġi Fundamentali, ix-xogħlijiet ta' investiment u ta' kostruzzjoni li saru mill-kumpanija konvenuta u ffinanzjati mill-fondi tal-UE, mhumieks koperti mit-termini "fondi pubbliċi" bħala "dħul, infiq u talbiet tal-Istat", u għalhekk ma jikkwalifikawx bħala "fondi pubbliċi", u konsegwentement id-*data* relatata magħhom ma taqax fil-kunċett ta' "informazzjoni pubblika".

¹⁵⁹ Kontributi mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti u mill-Istitut Internazzjonali għall-Istampa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 37 u p. 7, rispettivament.

¹⁶⁰ Kontribut mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 37.

¹⁶¹ *Ibid.*

¹⁶² Il-Kumitat għall-Protezzjoni tal-Ġurnalisti rrapporta li qorti f'Budapest ħarġet mandat ta' inibizzjoni preliminari, u invokat ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, li jikkonċerna kemm il-ħarġa tad-29 ta' Settembru kif ukoll tal-15 ta' Ottubru 2020 ta' *Magyar Narancs*, u b'hekk tħalliet barra parti minn artiklu mill-ġurnalist investigattiv Ákos Keller-Alánt (kontribut mill-Kumitat għall-Protezzjoni tal-Ġurnalisti għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 6). Kif irrapportat is-sena li għaddiet, f'Jannar 2020, ġie ordnat provvediment provviżorju minn qorti li jipprojbixxi d-disseminazzjoni tar-rivista kummerċjali *Forbes Hungary* billi ġew invokati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* (ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, in-nota 116 f'qiegħ il-paġna).

¹⁶³ L-Ungerija wieġbet għall-ewwel u l-aħħar ilment elenkati billi ddikjarat li l-każ ta' *Index.hu* huwa kwistjoni ta' liġi tax-xogħol u li d-deċiżjoni dwar *Klubrádió* ttieħdet mill-Kunsill tal-Media indipendenti.

IV. KWISTJONIJIET ISTITUZZJONALI OĦRA RELATATI MAS-SISTEMA TA' KONTROKONTROLLI

L-Ungerija hija repubblika parlamentari b'Parlament unikamerali (Assemblea Nazzjonali). Il-Parlament – fost l-oħrajn – jadotta u jemenda¹⁶⁴ l-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, jilleġizla¹⁶⁵, jeleġġi lill-Prim Ministru, u jeleġġi – b'maġġoranza ta' żewġ terzi – l-oġhla uffiċjali pubbliċi¹⁶⁶ tal-pajjiż. Il-President tar-Repubblika jiġi elett mill-Parlament. Hemm għadd ta' istituzzjonijiet li għandhom il-kompitu li jagħmluha ta' kontrobilanċ tal-poteri tal-leġislatura u tal-eżekuttiv, u inkarigati li jiggarrantixxu r-rispett tal-ordni kostituzzjonali, inklużi l-Qorti Kostituzzjonali, l-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat u l-Ombudsman (“il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali”). Apparti l-Gvern, il-President tar-Repubblika u l-kumitati parlamentari kollha, kull membru tal-Parlament jista' jippreżenta abbozz ta' liġi¹⁶⁷.

Bidliet frekwenti u f'daqqa tal-leġislazzjoni jkomplu jdgħajfu l-prevedibbiltà tal-ambjent regulatorju¹⁶⁸. Il-partijiet ikkonċernati rrapportaw li r-ritmu tal-leġislazzjoni żdied saħansitra aktar meta mqabbel mas-snin preċedenti. Skont il-partijiet ikkonċernati, il-konsultazzjonijiet, jekk ikun hemm, ikunu purament formali¹⁶⁹. Dan jgħid li dubji fir-rigward taċ-ċertezza tad-dritt u l-kwalità tal-leġislazzjoni. Il-perjodi qosra ta' żmien bejn l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' regoli li jinbidlu ta' spiss mhux dejjem jippermettu għat-tħejjija kif suppost tal-applikazzjoni tagħhom.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Gvern iddikjara “stat ta' periklu” għid b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Fit-18 ta' Ġunju 2020, il-Gvern gaħ fi tmiemu l-ewwel “stat ta' periklu”¹⁷⁰. F'konformità mar-regoli kostituzzjonali attwali, id-durata tal-“istat ta'

¹⁶⁴ Hija meħtieġa maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha sabiex tiġi adottata jew emendata l-Liġi Fundamentali (l-Artikolu S(2) tal-Liġi Fundamentali).

¹⁶⁵ Il-Liġi Fundamentali ttipprovdi għall-adozzjoni ta' 33 liġi kardinali li jimplementaw xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha u li fihom regoli dettaljati dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet ewlenin jew dwar l-eżerċitar ta' ċerti drittijiet fundamentali. Il-liġijiet kardinali jistgħu jiġu adottati jew emendati b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Parlament preżenti (l-Artikolu T(4) tal-Liġi Fundamentali). Il-Kummissjoni ta' Venezja kkritikat lill-Ungerija talli użat atti kardinali lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ, u anki fir-rigward ta' leġislazzjoni dettaljata, li tqieset dubjuża minn perspettiva demokratika minħabba li tagħmilha diffiċli li jiġu introdotti riformi fil-futur (l-Opinjoni CDL-AD(2012)009, il-paragrafu 47). Il-Gvern jargumenta li livell għoli ta' kunsens politiku huwa meħtieġ biex jirregola l-aspetti l-aktar importanti tad-drittijiet fundamentali u tal-organizzazzjoni tal-Istat.

¹⁶⁶ Il-President tar-Repubblika, il-membri u l-President tal-Qorti Kostituzzjonali, il-President tal-Kúria, il-Prosekutur Ġenerali, il-President tal-NOJ, il-Kummissarju u l-Viċi Kummissarji għad-Drittijiet Fundamentali, il-President tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat, il-President tal-Bank Nazzjonali tal-Ungerija.

¹⁶⁷ L-Artikolu 6(1) tal-Liġi Fundamentali. Fl-2020, 15-il abbozz ta' liġi ppreżentati minn membri (14 mill-maġġoranza, wieħed mill-oppożizzjoni) għaddew bħala liġi (informazzjoni li waslet mill-Assemblea Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija).

¹⁶⁸ Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 17.

¹⁶⁹ Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 23; Kontribut minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 46. Il-Gvern huwa tal-fehma li l-istħarriġ kostituzzjonali tal-liġijiet jestendi għall-valutazzjoni tal-kriterji formali taċ-ċertezza tad-dritt ukoll: jekk ma jkunx hemm konformità mar-reqwizit ta' tħejjija adegwata għall-applikazzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara n-norma bħala mhux kostituzzjonali.

¹⁷⁰ Fil-11 ta' Marzu 2020, il-Gvern iddikjara “stat ta' periklu” f'konformità mal-Artikolu 53(2) tal-Liġi Fundamentali. Fit-30 ta' Marzu 2020, il-Parlament għadda liġi għid li ppermettiet li permezz ta' digriet, il-Gvern ikun jista' jqis kwalunkwe liġi bla effett. Is-setgħat f'emerġenza mogħtija dehru estensivi, fid-dawl

periklu” l-ġdid introdott fl-4 ta’ Novembru 2020 mhijiex predefinita, u l-Gvern għandu setgħa diskrezzjonali li jżommu jew jitterminah¹⁷¹. Il-miżuri ta’ emerġenza (digriet tal-Gvern) adottati skont dan ir-reġim jistgħu jrendu bla effett kwalunkwe liġi u jibqgħu fis-seħħ għal 15-il jum sakemm l-estensjoni tagħhom ma tkunx awtorizzata mill-Parlament. Fl-10 ta’ Novembru 2020, il-Parlament awtorizza¹⁷² lill-Gvern biex jestendi b’90 jum l-applikabbiltà tal-miżuri ta’ emerġenza¹⁷³. Fit-8 ta’ Frar 2021, il-Gvern ġab fi tmiemu¹⁷⁴ l-“istat ta’ periklu”, u dakinhar stess reġa’¹⁷⁵ ddikjarah. B’dan il-mod, il-miżuri ta’ emerġenza jistgħu jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta’ 15-il jum mingħajr l-approvazzjoni tal-parlament¹⁷⁶. Fit-22 ta’ Frar 2021, il-Parlament awtorizza lill-Gvern biex jestendi b’90 jum l-applikabbiltà tal-miżuri ta’ emerġenza¹⁷⁷. Fit-18 ta’ Mejju 2021, il-Parlament estenda ulterjorment l-awtorizzazzjoni sal-“15-il jum wara l-jum tal-ftuħ tas-sessjoni tal-Ħarifa fl-2021”¹⁷⁸. Għad baqa’ tħassib¹⁷⁹ rigward ir-regoli attwali dwar l-“istat ta’ periklu” u l-miżuri ta’ emerġenza. Minkejja rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2020¹⁸⁰, issoktaw l-interferenza fl-attivitàjiet tan-negozju u fl-istabbiltà tal-ambjent regolatorju, u xi miżuri ta’ emerġenza jnisslu dubji fir-rigward tal-bżonn u l-proporzjonalità tagħhom¹⁸¹. Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tistħarreġ il-kostituzzjonalità ta’ ċerti miżuri ta’ emerġenza¹⁸².

-
- tal-effett ikkombinat ta’ setgħat definiti b’mod wiesa’ u tan-nuqqas ta’ terminu ċar. Mit-18 ta’ Ġunju 2020, il-Gvern temm l-“istat ta’ periklu” u ddikjara “stat ta’ emerġenza tas-saħħa pubblika” sat-18 ta’ Diċembru 2020 (ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, pp. 17-18). Sussegwentement, il-Gvern estenda l-“istat ta’ emerġenza tas-saħħa pubblika” sat-18 ta’ Ġunju 2021. Ir-regoli applikabbli huma stipulati fil-Kapitolu XIV tal-Att CLIV tal-1997 dwar il-Kura tas-Saħħa. Ġie nnutat li, f’konformità mal-Kapitolu IX/A tal-Att LXXX tal-2007 dwar id-Dritt għall-Ażil, il-Gvern ilu mill-10 ta’ Marzu 2016 iżomm l-istat ta’ kriżi minħabba l-immigrazzjoni tal-massa. (Informazzjoni li waslet mill-Assemblea Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.)
- ¹⁷¹ L-Artikolu 54(3) tal-Liġi Fundamentali. Ir-regoli dettaljati applikabbli għall-miżuri ta’ emerġenza huma ddeterminati mill-Att CXXVIII tal-2011 dwar il-Ġestjoni tad-Diżastri, kif emendat. L-Artikolu 51/A ta’ dan l-Att huwa essenzjalment l-istess bħat-Taqsim 2 tal-Att XII ta’ Marzu 2020 (ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 17).
- ¹⁷² L-Att CIX tal-2020 dwar it-trażżin tat-tieni mewġa tal-pandemija tal-coronavirus.
- ¹⁷³ Wara l-iskadenza tad-90 jum, fit-8 ta’ Frar 2021, l-Att CIX tal-2020 sar inapplikabbli, li jimplika t-tmiem ta’ awtorizzazzjoni parlamentari biex tiġi estiża l-applikabbiltà tal-miżuri ta’ emerġenza.
- ¹⁷⁴ Id-Digriet tal-Gvern 26/2021 tad-29 ta’ Jannar 2021.
- ¹⁷⁵ Id-Digriet tal-Gvern 27/2021 tad-29 ta’ Jannar 2021. Dan id-Digriet introduċa mill-ġdid – mingħajr pubblikazzjoni – ċerti miżuri ta’ emerġenza (Digriet tal-Gvern) maħruġa skont “l-istat ta’ periklu” preċedenti (kienu saru inapplikabbli mat-terminazzjoni tal-“istat ta’ periklu”, f’konformità mal-Artikolu 53(4) tal-Liġi Fundamentali).
- ¹⁷⁶ L-Assemblea Nazzjonali hija tal-fehma li din it-teknika ma interferixx mal-prerogattivi tagħha u li dawn id-digriet kienu konformi mad-dispożizzjonijiet kemm tal-Liġi Fundamentali kif ukoll tal-liġijiet rilevanti (informazzjoni riċevuta mill-Assemblea Nazzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija).
- ¹⁷⁷ L-Att I tal-2021 dwar it-trażżin tal-pandemija tal-coronavirus.
- ¹⁷⁸ L-Att XL tal-2021 li jemenda l-Att I tal-2021 dwar it-trażżin tal-pandemija tal-coronavirus. Ta’ min wieħed jinnota li s-Sessjoni tal-Ħarifa tal-Parlament issir bejn l-1 ta’ Settembru u l-15 ta’ Diċembru; id-data tal-jum ta’ ftuħ mhijiex magħrufa f’dan l-istadju.
- ¹⁷⁹ Is-setgħat f’emerġenza mogħtija deheru estensivi, fid-dawl tal-effett ikkombinat ta’ setgħat definiti b’mod wiesa’ u fin-nuqqas ta’ limitu ta’ żmien ċar (ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 17).
- ¹⁸⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta’ Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tal-Ungerija għall-2020 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Konverġenza tal-Ungerija għall-2020.
- ¹⁸¹ Pereżempju, fis-7 ta’ April 2021, kumpanija tal-assigurazzjoni Awstrijaka ħabbret li kienet waslitilha deċiżjoni tal-Ministeru għall-Intern tal-Ungerija li tibblokka l-akkwiżizzjoni prevista tas-sussidjarji Ungeriżi ta’ kumpanija tal-assigurazzjoni Netherlandiża li tibbaża fuq id-Digriet tal-Gvern 532/2020 tat-28 ta’ Novembru 2020 – miżura ta’ emerġenza maħruġa fl-ambitu tar-reġim ta’ “stat ta’ periklu” – li tiddevja mid-

Emenda tal-Kostituzzjoni se tillimita s-setgħat tal-Gvern fir-rigward tar-reġim tal-“istat ta’ periklu”. Fil-15 ta’ Diċembru 2020, id-Disa’ Emenda tal-Liġi Fundamentali ġiet adottata mill-Parlament. Ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni minn qabel mal-partijiet ikkonċernati¹⁸³. Din bidlet b’mod sinifikanti r-regoli dwar ir-reġim ta’ ordinament ġuridiku speċjali (inkluż “l-istat ta’ periklu”) mill-1 ta’ Lulju 2023. Tnaqqas it-tipi ta’ ordinament ġuridiku speċjali minn sitta għal tlieta: stat ta’ gwerra, stat ta’ emerġenza u stat ta’ periklu¹⁸⁴. L-emenda ma taffettwax ir-regola attwali li tipprevedi li skont ordinament ġuridiku speċjali, l-applikazzjoni tal-Liġi Fundamentali ma tistax tiġi sospiża, u l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali ma jistax jiġi ristrett¹⁸⁵. F’każ ta’ stat ta’ periklu, il-Parlament ikollu primarjament kontroll fuq iż-żamma tal-ordinament ġuridiku speċjali¹⁸⁶. Il-Gvern ikun jista’ jiddikjara “stat ta’ periklu” għal perjodu ta’ 30 jum, u jkun jista’ jestendih biss wara

dispożizzjonijiet tal-Att LVII tal-2018 sa fejn tipprovdi li tranżazzjonijiet bħal dawn bejn investituri fiż-ŻEE jridu jiġu ddikjarati lill-Ministru maħtur mill-Gvern li jrid jiehni nota tad-dikjarazzjoni.

¹⁸² Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 18. Ħafna mill-kawżi nġhalqu mingħajr deċiżjoni dwar il-merti (l-Ordni IV/74/2021, IV/200/2021, IV/02069/2020, IV/00295/2021, 3237/2021. (VI. 4.), 3238/2021. (VI. 4.), 3206/2021. (V. 19.), 3178/2021. (IV. 30.), 3159/2021. (IV. 22.), 3413/2020. (XI. 26.), 3388/2020. (X. 22.), 3326/2020. (VIII. 5.)). Il-Qorti Kostituzzjonali kkonstatat li l-miżuri ta’ emerġenza relatati mal-projbizzjoni ġenerali fuq il-ġemgħat matul l-istat ta’ periklu (il-kawża IV/288/2021) u l-assenjar ta’ żona Ekonomika Speċjali fil-Belt ta’ Göd (id-Deċiżjoni 8/2021. (III. 2.) AB) huma kostituzzjonali, iżda stabbiliet rekwiżit kostituzzjonali għall-applikazzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-miżura ta’ emerġenza li ma tħallix lill-muniċipalitajiet jiksbu introjtu mit-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur matul l-istat ta’ periklu, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn kwart tal-membri tal-Parlament (id-Deċiżjoni 3234/2020. (VII. 1.) AB). Il-Qorti Kostituzzjonali wettqet reviżjoni tad-Digriet tal-Gvern 521/2020 tal-25 ta’ Novembru 2020 li jestendi d-dewmien applikabbli għal talbiet ta’ aċċess għad-dokumenti pubbliċi (ara aktar ’il fuq, p. 18).

¹⁸³ Il-Kummissjoni ta’ Venezja rrimarkat bi tħassib li l-emendi ġew adottati matul stat ta’ emerġenza, mingħajr l-ebda konsultazzjoni pubblika, u l-memorandum ta’ spjegazzjoni fih biss tliet paġni; il-Kummissjoni ta’ Venezja enfasizzat li din il-ħeffa u n-nuqqas ta’ konsultazzjonijiet pubbliċi sinifikattivi huma partikolarment inkwetanti meta jirrigwardaw emendi kostituzzjonali u tfakkar it-twissija preċedenti tagħha kontra “attitudni strumentali” tal-maġġoranza governattiva tal-Ungerija fil-konfront tal-Liġi Fundamentali, li ma għandhiex titqies bħala strument politiku (Opinjoni dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f’Diċembru 2020 (CDL(2021)028), il-paragrafi 83 u 84).

¹⁸⁴ Iċ-ċirkostanzi għad-dikjarazzjoni ta’ stat ta’ gwerra (l-istat attwali tal-kriżi nazzjonali) u stat ta’ emerġenza se jiġu estiżi, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-kuntest tas-sigurtà li qed jinbidel (pereżempju, attakk ċibernetiku li ma jikkostitwixx att ta’ vjolenza jew attakk f’għamla ta’ tniġġis ambjentali), u l-Parlament se jkun l-unika entità intitolata li tiddikjarahom (Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 27.) Il-Kummissjoni ta’ Venezja enfasizzat li l-impatt ta’ diversi dispożizzjonijiet huwa diffiċli li jiġi vvalutat mingħajr għarfien tal-bidliet leġiżlattivi li jistgħu jiġu adottati b’segwitu għal dispożizzjonijiet bħal dawn. Ikkonkludiet li d-Disa’ Emenda prinċipalment tħalli l-ispeċifikazzjoni tal-biċċa l-kbira tad-dettalji għall-Atti Kardinali, li eventwalment jista’ jagħti lok għal xi dubji serji rigward l-ambitu tal-poteri tal-Istat matul l-istati ta’ eċċezzjoni (Opinjoni dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f’Diċembru 2020 (CDL(2021)028), ir-Rakkomandazzjoni f).

¹⁸⁵ L-Artikolu 54 tal-Liġi Fundamentali. Skont l-Artikolu 48/A l-ġdid tal-Att CLI tal-2011 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, il-laqgħat tal-Qorti Kostituzzjonali jistgħu jsiru wkoll permezz ta’ mezzi elettroniċi, fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-President tagħha. L-Artikolu 68/A l-ġdid tal-istess Att jistipula li fi żmien ta’ ordinament ġuridiku speċjali, (a) il-President u s-Segretarju Ġenerali għandhom jiżguraw il-funzjonament kontinwu tal-Qorti Kostituzzjonali u għandhom jieħdu l-miżuri organizzattivi, operattivi, amministrattivi u ta’ tħejjija tad-deċiżjonijiet li jkun hemm bżonn, u (b) il-President jista’ jawtorizza deroga mir-regoli ta’ proċedura tal-Qorti Kostituzzjonali. (Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 26-27.)

¹⁸⁶ Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 27.

awtorizzazzjoni mill-Parlament. Dawn ir-regoli l-ġodda se jżidu s-sorveljanza mill-Parlament¹⁸⁷.

Is-setgħat tal-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali ġew estiżi, filwaqt li tqajmu mistoqsijiet dwar l-indipendenza tiegħu. Fl-20 ta' Novembru 2020, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib rigward il-fużjoni tal-Awtorità għat-Trattament Ugwali u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali, u fakkar li għad hemm dubji dwar il-proċess tal-ħatra tas-sedenti u l-adegwatezza tal-isforzi tal-istituzzjoni biex tindirizza l-kwistjonijiet kollha tad-drittijiet tal-bniedem u tesprimi ruħha b'mod li jippromovi u jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem kollha¹⁸⁸. L-istituzzjoni nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem ġiet akkreditata bi status ta' "A" f'Ottubru 2014. F'Ottubru 2018, is-Sottokomitat tan-NU dwar l-Akkreditazzjoni (SCA - Sub-Committee on Accreditation) tal-Alleanza Globali tal-NHRIs (GANHRI - Global Alliance of NHRIs), iddeċieda li jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-akkreditazzjoni mill-ġdid tagħha. L-SCA qed iwettaq rieżami tal-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali¹⁸⁹. Minn Jannar 2021, leġiżlazzjoni ġdida¹⁹⁰ integrat l-Awtorità għat-Trattament Ugwali fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali. Fit-tweġġ tad-doveri tiegħu speċifikati fl-Att dwar it-Trattament Ugwali¹⁹¹, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali jaġixxi bħala awtorità amministrattiva¹⁹². Il-Kummissarju jista' wkoll jagħti bidu għall-istħarriġ tal-liġijiet mill-Qorti Kostituzzjonali¹⁹³. Skont id-dritt tal-UE¹⁹⁴, il-korpi għall-ugwaljanza "jistgħu jagħmlu parti minn aġenziji mogħtija r-responsabbiltà fuq livell nazzjonali mid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardjar tad-drittijiet tal-individwi". Skont il-qafas legali rilevanti, il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali għandu jkun indipendenti u subordinat biss għall-

¹⁸⁷ L-Artikolu 56(1) il-ġdid tal-Liġi Fundamentali se jippermetti lill-President tar-Repubblika jawtorizza lill-Gvern jestendi l-"istat ta' periklu" jekk il-Parlament ma jkunx jista' jieħu dawn id-deċiżjonijiet.

¹⁸⁸ Id-dikjarazzjoni tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, Dunja Mijatović tal-20 ta' Novembru 2020. Il-fużjoni ma kinitx preċeduta minn konsultazzjoni pubblika (Kontribut minn Ökotárs - Hungarian Environmental Partnership Foundation għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17).

¹⁸⁹ Kontribut min-*Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 194.

¹⁹⁰ L-Att CXXVII tal-2020 li jemenda ċerti liġijiet bl-għan li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effiċjenti tar-rekwiżit ta' trattament ugwali (adottat fl-1 ta' Diċembru 2020). Il-qafas kostituzzjonali u s-salvagwardji bażiċi tal-indipendenza fil-każ tal-Kummissarju baqgħu ma nbidlux.

¹⁹¹ L-Att CXXV tal-2003 dwar it-Trattament Ugwali u l-Promozzjoni tal-Opportunitajiet Indaqs.

¹⁹² Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 28.

¹⁹³ Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 27. Ir-regoli rigward ir-reviżjoni posterjuri tal-liġijiet inbidlu b'mod sinifikanti mil-Liġi Fundamentali. Sal-31 ta' Diċembru 2011, kwalunkwe persuna mingħajr interess ġuridiku setgħet tressaq petizzjoni għal stħarriġ kostituzzjonali ta' norma legali. Skont ir-regoli l-ġodda, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2012, proċedura bħal din tista' tinbeda biss mill-Gvern, kwart tal-membri tal-Parlament, il-President tal-*Kúria*, il-Prosekutur Ġenerali u l-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali. Il-Kummissarju sedenti ma eżerċita din is-setgħa, inkluż pereżempju, fir-rigward tal-Att LXXIX tal-2021 dwar "it-teħid ta' azzjoni eħrex kontra l-awturi ta' reati pedofili u l-emendar ta' ċerti liġijiet għall-protezzjoni tat-tfal". Il-Gvern huwa tal-fehma li b'segwitu għall-abolizzjoni tal-*actio popularis* għar-reviżjoni posterjuri tal-liġijiet, l-introduzzjoni tal-ilment kostituzzjonali "reali" minn deċiżjonijiet ġudizzjarji tiżgura protezzjoni effiċjenti għad-drittijiet fundamentali.

¹⁹⁴ Id-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew etniċità, ĠU L 180, 19.7.2000; Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, ĠU L 373, 21.12.2004; Id-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid), ĠU L 204, 26.7.2006. Id-Direttiva 2010/41/UE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE, ĠU L 180, 15.7.2010.

Atti u ma jistax jingħata struzzjonijiet dwar l-attivitajiet tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Gvern isostni li l-eżekuttiv ma għandu l-ebda influwenza fuq kif jitwettqu l-attivitajiet mill-Kummissarju. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati esprimew tħassib fir-rigward tal-funzjonament indipendenti u effettiv tal-Kummissarju¹⁹⁵.

Ġie espress tħassib dwar ir-rwol tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istħarriġ tad-deċiżjonijiet finali tal-qorti. Kif innutat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, b'segwitu għal emenda leġiżlattiva, l-awtoritajiet amministrattivi jistgħu jikkontestaw quddiem il-Qorti Kostituzzjonali deċiżjoni ġudizzjarja li diġà tkun saret finali, jekk tkun tikser id-drittijiet tagħhom u tillimita s-setgħat tagħhom skont il-Liġi Fundamentali. Matul is-sena li għaddiet, l-awtoritajiet pubbliċi kkontestaw quddiem il-Qorti Kostituzzjonali xi sentenzi finali, mogħtija mill-qrati ordinarji, li affettwawhom. Din il-possibbiltà ta' sħarriġ tqajjem mistoqsijiet b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċertezza tad-dritt¹⁹⁶. Barra minn hekk, minkejja li mhijiex parti mis-sistema tal-qrati, il-Qorti Kostituzzjonali li tisma' lmenti kostituzzjonali tkun madankollu qed taġġudika dwar il-merti tal-kawża u ġiet definita bħala "qorti tar-raba' istanza"¹⁹⁷, li taġixxi bl-istess mod bħall-qrati tal-appell ordinarji¹⁹⁸. F'dan il-kuntest, huwa mfakkar li l-membri tal-Qorti Kostituzzjonali jiġu eletti mill-Parlament li jivvota b'maġġoranza ta' żewġ terzi¹⁹⁹, fuq il-bażi ta' kriterji wiesgħa ta' eliġibbiltà²⁰⁰.

¹⁹⁵ Pereżempju kontribut minn *Háttér Society* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 10; Kontribut minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 52. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/951 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza, ĠU L 167, 4.7.2018, p. 28.

¹⁹⁶ Ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 18. Skont l-Artikolu 24(2)(d) tal-Liġi Fundamentali u f'konformità mal-Artikolu 27 tal-Att CLI tal-2011 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, persuna jew organizzazzjoni milquta f'każijiet konkreti tista' tirrikorri għall-Qorti Kostituzzjonali kontra d-deċiżjoni ġudizzjarja li kienet kuntrarja għal-Liġi Fundamentali jekk id-deċiżjoni tikser id-drittijiet tagħha stipulati fil-Liġi Fundamentali, u l-possibbiltajiet għal rimedju legali jkun diġà ġew eżawriti (ilment kostituzzjonali). Meta l-Qorti Kostituzzjonali tistabbilixxi li d-deċiżjoni ġudizzjarja hija kuntrarja għal-Liġi Fundamentali, din tannulla d-deċiżjoni. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tqis l-ilment kostituzzjonali bħala rimedju ġudizzjarju effettiv li għandu jiġi eżawrit (ara d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Marzu 2019, *Szalontay v. Hungary*, 71327/13; tat-12 ta' Novembru 2019, *Geréb v. Hungary*, 25520/13; u tat-12 ta' Novembru 2019, *Takács v. Hungary*, 73665/17). Sa mill-2012, 90 % tal-kawżi li nstemgħu mill-Qorti Kostituzzjonali kienu lmenti kostituzzjonali (informazzjoni li waslet mill-President tal-*Kúria* fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija). Mid-dħul fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2019 tal-emenda li tippermetti lill-entitajiet li jeżerċitaw setgħa pubblika jikkontestaw deċiżjoni ġudizzjarja finali, seba' lmenti kostituzzjonali kienu ppreżentati minn entitajiet bħal dawn. Fl-2020, il-persuni privati ppreżentaw 412-il ilment kostituzzjonali minn deċiżjoni ġudizzjarja. (Informazzjoni li waslet mill-Uffiċċju tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Ungerija.) Bejn l-2012 u l-2020, ġew soppressi 117-il deċiżjoni ġudizzjarja mill-Qorti Kostituzzjonali (inklużi 47 deċiżjoni tal-*Kúria*) (kontribut mill-President tal-*Kúria* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 10.)

¹⁹⁷ Kontribut mill-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 23. Is-CCBE rimarka li l-Qorti Kostituzzjonali kulma jmur qed taġixxi bħala qorti tar-raba' istanza, billi tistħarriġ il-merti tas-sentenzi mill-qrati ordinarji. Skont is-CCBE, dan jissarraf f'intervent bla bżonn tal-Qorti Kostituzzjonali fil-funzjonament tal-qrati ordinarji, u tpoġġi f'diskussjoni l-indipendenza u d-diskrezzjoni ġudizzjarja tagħhom.

¹⁹⁸ Kontribut mill-President tal-*Kúria* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 2. Skont il-Gvern, membri tal-Qorti Kostituzzjonali jipprattikaw attività ġudizzjarja *de facto* (kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12.).

¹⁹⁹ Il-Parlament jeleġġi l-President tal-Qorti Kostituzzjonali wkoll (Kontribut minn *Századvég* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 6).

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jikkritikaw lill-Gvern għadha qed issirihom pressjoni. B'segwitu għad-deċizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-azzjoni għal ksur imressqa mill-Kummissjoni kontra l-Ungerija²⁰¹, fit-18 ta' Mejju 2021, il-Parlament adotta liġi ġdida²⁰² li tħassar l-Att dwar it-trasparenza ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ffinanzjati minn barra li kisru d-dritt tal-UE. L-istess liġi introduċiet regoli ġodda li jobbligaw lill-Uffiċċju tal-Awditor tal-Istat iwettqu kontrolli tal-legalità fuq il-kontijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'total tal-karta bilanċjali annwali li jaqbeż ċertu ammont²⁰³. Bħalissa għaddejnin proċedimenti ta' ksur²⁰⁴ fir-rigward tal-leġislazzjoni²⁰⁵ li tikkriminalizza l-organizzazzjoni tal-assistenza offruta minn persuni f'isem organizzazzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi lil persuni li jixtiequ japplikaw għall-ażil. Liġi oħra li tintroduċi taxxa speċjali ta' 25 % fuq l-immigrazzjoni applikabbli għall-appoġġ finanzjarju lil organizzazzjonijiet li jwettqu "attivitajiet li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni", li wkoll tat lok għal tħassib²⁰⁶, għadha tapplika. Il-Gvern u l-media favur il-gvern għadhom jużaw retorika ostili kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jieħdu pożizzjoni kritika fil-konfront tal-Gvern²⁰⁷. L-isparju ċiviku fl-Ungerija huwa kklassifikat bħala "ostakolat"²⁰⁸. Skont il-Gvern, il-Fond Nazzjonali ta' Kooperazzjoni u l-iskema ta' donazzjoni tat-taxxa fuq l-introjt personali ta' 1 % huma għodod ta' finanzjament imfassla biex jappoġġaw l-operat u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili²⁰⁹. Madankollu, skont il-partijiet

²⁰⁰ Iċ-ċittadini Ungeriżi kollha b'kondotta nadifa u li jkollhom id-dritt li jgħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet parlamentari, huma eliġibbli li jsiru Membri tal-Qorti Kostituzzjonali, jekk huma: (a) ikollhom lawrja fil-liġi; (b) ikollhom 45 sena, iżda mhux 70 sena; u (c) ikunu avukati teoretiċi b'għarfien straordinarju (professuri tal-università jew tobbja tal-Akkademja Ungeriża tax-Xjenzi) jew ikollhom minn tal-anqas 20 sena esperjenza ta' xogħol professjonali fil-qasam tal-liġi. Li wieħed kien membru tal-Gvern jew uffiċjal ewlieni fi kwalunkwe partit politiku jew kellu kariga ta' uffiċjal tal-istat ewlieni fl-erba' snin li jippreċedu l-elezzjoni għandu jiskwalifika lil dak li jkun mill-jijsir Membru tal-Qorti Kostituzzjonali. (Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 1.)

²⁰¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija*, C-78/18.

²⁰² L-Att XLIX tal-2021 dwar it-trasparenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jwettqu attività li tista' tinfluwenza d-dibattitu pubbliku u dwar l-emenda ta' ċerti liġijiet relatati.

²⁰³ Skont ir-regoli li diġà jeżistu (l-Artikoli minn 28 sa 30 tal-Att CLXXV tal-2011 dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni, l-istatus ta' benefiċċju pubbliku, u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-appoġġ għalihom, u l-Artikoli 39 u 40 tal-Att CLXXXI tal-2011 dwar ir-reġistrazzjoni tal-qorti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u r-regoli proċedurali relatati), l-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili huma obbligati li jgħeju r-rapport tal-kontabbiltà annwali tagħhom fir-rigward tal-assi, l-operazzjonijiet, il-finanzi u d-dħul tagħhom. Huma wkoll obbligati li jirrapportaw dwar l-attivitajiet tagħhom ta' benefiċċju pubbliku, u d-donazzjonijiet riċevuti taħt l-iskema li tippermetti liċ-ċittadini joffru 1 % tat-taxxa fuq l-introjt personali tagħhom lis-soċjetà ċivili. (Kontribut minn *Alapjogokért Központ* għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 21.) Fl-1 ta' Lulju 2021, daħal fis-seħħ Digriet ġdid tal-Gvern (379/2021 tat-30 ta' Ġunju 2021) li jirrikjedi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinkludu l-ismijiet tad-donaturi tagħhom fir-rapport dwar l-attivitajiet tagħhom ta' benefiċċju pubbliku. Fis-17 ta' Lulju 2021, id-Digriet tal-Gvern 437/2021 tas-16 ta' Lulju 2021 ħassar dawn id-dispożizzjonijiet.

²⁰⁴ Il-Kawża C-821/19, pendenti, li fiha l-Avukat Ġenerali Rantos ta Opinjoni tal-25 ta' Frar 2021.

²⁰⁵ Il-leġislazzjoni kienet imsejħa "Stop-Soros" mill-Gvern. <https://www.parlament.hu/irom41/00333/00333.pdf>

²⁰⁶ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, p. 19 li rrapporta dwar il-kritika espressa fil-Kummissjoni ta' Venezia u l-Opinjoni Konġunta tal-OSKE ODIHR (CDL-AD(2018)035).

²⁰⁷ Kontribut minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 57.

²⁰⁸ Klassifikazzjoni minn CIVICUS; il-klassifikazzjonijiet huma fuq skala ta' ħames kategoriji ddefiniti bħala: miftuħ, ristrett, ostakolat, ripress u magħluq.

²⁰⁹ Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 28.

ikkonċernati, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom mhux iffinanzjati biżżejjed²¹⁰, b'mod partikolari jekk ikunu kritiċi fil-konfront tal-gvern²¹¹. Id-Disa' Emenda tal-Liġi Fundamentali (il-15 ta' Diċembru 2020) introduċiet maġġoranza kwalifikata fil-Parlament għall-emendar tar-regoli dwar it-trusts ta' interess pubbliku li jwettqu doveri pubbliċi²¹². Liġi ġdida²¹³ adottata fis-27 ta' April 2021 ħolqot qafas legali għall-funzjonament ta' trusts bħal dawn²¹⁴. Il-bord tat-trustees²¹⁵ jinkludi Ministri u segretarji tal-Istat attwali. Xi partijiet interessati esprimew tħassib²¹⁶ dwar l-assi pubbliċi li jingħataw b'donazzjoni lil entitajiet privati bħal dawn, anki meta wieħed iqis il-kompożizzjoni tal-bordijiet tat-trustees²¹⁷. Dawn l-iżviluppi jsiru fl-isfond tal-inċertezza tad-dritt irrimarkata aktar 'il fuq²¹⁸, fir-rigward tal-applikabbiltà għal trusts bħal dawn tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonossiet li d-definizzjoni l-ġdida ma tneħħix id-doveri ta' rendikontabbiltà lill-entitajiet privati li jimmaniġġjaw fondi pubbliċi, iżda wissiet kontra r-riskju li jitneħħa l-kontroll demokratiku mill-fondi pubbliċi u l-kompiti pubbliċi, anki meta wieħed iqis id-definizzjoni l-ġdida ta' fondi pubbliċi²¹⁹.

²¹⁰ Skont il-Forum Ċiviku Ewropew, filwaqt li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kienu minn ta' quddiem nett li pprovdew appoġġ lill-gruppi soċjali l-aktar milquta mill-kriżi kaġun tal-pandemija tal-coronavirus (billi pprovdew għajjnuna alimentari, appoġġaw l-edukazzjoni diġitali, qassmu informazzjoni u għajjnuna legali, fost l-oħrajn), il-Gvern ma fetiħ l-ebda sors ta' finanzjament addizzjonali għas-soċjetà ċivili (kontribut mill-Forum Ċiviku Ewropew għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 38).

²¹¹ Ċerti partijiet ikkonċernati jinnotaw li s-soċjetà ċivili fil-pajjiż spiċċat qoxqox minħabba nuqqas ta' aċċess għall-finanzjament pubbliku dejjem aktar politizzat (kontribut mill-Forum Ċiviku Ewropew għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 39).

²¹² L-Artikolu 38(6) tal-Liġi Fundamentali.

²¹³ L-Att IX tal-2021 dwar trusts ta' interess pubbliku li jeżerċitaw doveri pubbliċi. Skont il-Gvern, l-għan tal-leġislazzjoni huwa li tipprevjeni li trusts bħal dawn ikunu esposti l-ħin kollu għad-dibattiti politiċi, u biex tiggarantixxi l-qadi tad-doveri tagħhom.

²¹⁴ Il-liġi telenka 33 trust, mogħnija b'assi pubbliċi sinifikanti u inkarigati mill-operat ta' diversi stabbilimenti ta' edukazzjoni għolja u stabbilimenti kulturali oħra, li kull waħda minnhom twaqqfet minn Ministru wara awtorizzazzjoni mill-Parlament permezz ta' leġislazzjoni speċifika. Pereż. il-Mathias Corvinus Collegium, b'segretarju tal-Istat fuq il-bord tat-trustees tiegħu, irċieva mill-inqas HUF 500 biljun (EUR 1,4 biljun), somma ekwivalenti għall-baġit annwali aggregat tas-settur kollu tal-edukazzjoni għolja fl-Unġerija, f'assi varji inklużi proprjetà immobbli, ekwità u kontanti (Kontribut minn K-Monitor u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 13). Ara l-Att XXVI tal-2020 dwar l-appoġġ għall-programm ta' ġestjoni tat-talenti tal-Mathias Corvinus Collegium u l-attività ta' tagħlim tal-Maecenas Universitatis Corvini Foundation; l-Artikolu 6 u l-Anness 2 tal-Att CVI tal-2020 dwar ċerti trusts u t-trasferiment tal-assi f'dawn it-trusts.

²¹⁵ It-trusts ta' interess pubbliku huma ġestiti minn bord ta' trustees ta' mill-inqas ħames persuni fiżiċi, maħtura għal perjodu ta' żmien illimitat. Wara t-trasferiment tad-drittijiet tal-fundatur mill-Ministru għall-bord ta' trustees, ikun biss il-bord li jkun jista' jneħħi u jaħtar il-membri tal-bord. Il-bord jista' jemenda l-istatuti tat-trust. Il-liġi l-ġdida tippermetti lill-fundatur iċedi kwalunkwe għamla ta' kontroll fuq il-bord tat-trustees, u jagħmel il-membri tiegħu awtonomi u ma jistgħux jitneħħew.

²¹⁶ Informazzjoni li waslet mill-Kumitat Ungeriż ta' Helsinki fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Unġerija, li tirreferi għall-ħolqien ta' "stat parallel".

²¹⁷ Kontribut minn K-Monitor u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 13.

²¹⁸ Ara t-taqsima dwar il-qafas kontra l-korruzzjoni (paġna 14) u t-taqsima dwar il-pluraliżmu tal-media (paġna 19) dwar dawn is-suġġetti.

²¹⁹ Opinjoni dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020 (CDL(2021)028), il-paragrafi 66 u 70.

Anness I: Lista ta' sorsi f'ordni alfabetiku*

* Il-lista ta' kontributi riċevuti fil-kuntest tal-konsultazzjoni għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt tinsab hawnhekk https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/rule-law/rule-law-mechanism/2021-rule-law-report-targeted-stakeholder-consultation_mt.

Alapjogokért Központ (2021), *Kontribut minn Alapjogokért Központ għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital and Transparency International Hungary (2021), *Kontributi minn Amnesty International Hungary, Eötvös Károly Policy Institute, l-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili, K-Monitor, Mérték Media Monitor, Political Capital and Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media (2021), *l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media 2021 – Rapport dwar l-Ungerija*.

L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa (2021), *Kontribut mill-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-Kumitat għall-Protezzjoni tal-Ġurnalisti (2021), *Kontribut mill-Kumitat għall-Protezzjoni tal-Ġurnalisti għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (2021), *Kontribut mill-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa (2020), *Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, dikjarazzjoni tal-20 ta' Novembru 2020* (<https://www.coe.int/en/web/commissioner/-/commissioner-urges-hungary-s-parliament-to-postpone-the-vote-on-draft-bills-that-if-adopted-will-have-far-reaching-adverse-effects-on-human-rights-in->).

L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin (2021), *Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Iċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media (2021), *Dikjarazzjoni taċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media tal-15 ta' Marzu 2021* (<https://www.ecpmf.eu/hungary-on-national-day-new-hope-that-klubradio-may-return-to-airwaves/>).

Il-Forum Ċiviku Ewropew (2021), *Kontribut mill-Forum Ċiviku Ewropew għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Ir-Rapport tal-2021 tal-OLAF*.

Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti (2021), *Kontribut mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

In-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (2020), *L-ittra tan-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura lill-Kummissjoni Ewropea datata s-27 ta' Ottubru 2020* (<https://pgwrk-websitemedia.s3.eu-west-1.amazonaws.com/production/pwk-web-encj2017-p/News/Letter%20ENCJ%20RoL%20Hungary%20EC%2027%20October%202020.pdf>).

In-Network Ewropew għall-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (2021), *Kontribut min-Network Ewropew għall-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-Gvern tal-Ungerija (2021), *Kontribut mill-Ungerija għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

GRECO (2019), *Third Evaluation Round – Second Addendum to the Second Compliance Report on Hungary – Transparency of Party Funding*. GRECO (2020), *Fourth Evaluation Round – Second Interim Compliance Report on Hungary – Corruption prevention in respect of members of parliament, judges and prosecutors*.

Háttér Society (2021), *Kontribut minn Háttér Society għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

L-Istitut Internazzjonali għall-Istampa (2021), *Kontribut mill-Istitut Internazzjonali għall-Istampa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

K-Monitor u Transparency International Hungary (2021), *Kontribut minn K-Monitor u Transparency International Hungary għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-President tal-Kúria President (2021), *Kontribut mill-President tal-Kúria għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

OECD (2019), *Implementing the OECD Anti Bribery Convention – Phase 4 Report: Hungary*.

Ökotárs - Hungarian Environmental Partnership Foundation (2021), *Kontribut minn Ökotárs - Hungarian Environmental Partnership Foundation għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Századvég (2021), *Kontribut minn Századvég għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Ir-Rapporteur Speċjali dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati (2021), *Ittra tar-Rapporteur Speċjali dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati bid-data tal-15 ta' April 2021*.

<https://spcommreports.ohchr.org/TMResultsBase/DownloadPublicCommunicationFile?gId=26371>

Il-Kummissjoni ta' Venezja (2021), *Opinjoni dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020 (CDL(2021)028)*.

Anness II: Żjara fl-Ungerija

Is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħat virtwali f'April 2021 ma':

- *Alapjogokért Központ*
- Amnesty International Hungary
- Ċentru tar-Riċerka dwar il-Korruzzjoni Budapest
- Editors-in-Chief's Forum (*Főszerkesztők Fóruma*)
- ELTE Media and Communication Department
- Istitut tal-Politika Eötvös Károly Policy Institute
- Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Avukati
- L-Unjoni Ungeriża tal-Libertajiet Ċivili (*TASZ*)
- Il-Kumitat Ungeriż ta' Helsinki
- L-Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Imħallfin (*MABIE*)
- K-Monitor
- *Kúria* (il-Qorti Suprema)
- Mathias Corvinus Collegium
- Mérték Media Monitor
- Il-Ministeru għall-Intern
- Il-Ministeru għall-Ġustizzja
- L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Ġurnalisti Ungeriżi (*MÚOSZ*)
- L-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Libertà tal-Infommazzjoni
- Il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali
- L-Awtorità Nazzjonali tal-Media u l-Infokomunikazzjonijiet
- L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura
- *Nézőpont*
- L-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali
- L-Uffiċċju tal-Qorti Kostituzzjonali
- *Országgyűlés* (L-Assemblea Nazzjonali) Kumitat dwar il-Leġiżlazzjoni
- *Országgyűlés* (L-Assemblea Nazzjonali) Kumitat dwar l-Immunità
- Is-servizz ta' Prosekuzzjoni tal-Ungerija
- L-Awtorità għall-Akkwist Pubbliku
- L-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat (*Számvevőszék*)
- *Száadvég*
- Transparency International Hungary

* Il-Kummissjoni ltaqgħet ukoll mal-organizzazzjonijiet li ġejjin f'għadd ta' laqgħat orizzontali:

- Amnesty International
- Iċ-Ċentru għad-Drittijiet Riproduttivi
- CIVICUS
- L-Unjoni għall-Ewropa tal-Libertajiet Ċivili
- Is-Socjeta' Ċivili Ewropa
- Il-Konferenza tal-Knejjes Ewropej
- EuroCommerce
- Iċ-Ċentru Ewropew għal-Liġi dwar għaqdiet mhux għall-gwadann
- Iċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media
- Il-Forum Ċiviku Ewropew
- Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti
- It-Tishib Ewropew għad-Demokrazija

- Il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ
- Front Line Defenders
- Il-Fondazzjoni tad-Dar tad-Drittijiet tal-Bniedem
- Human Rights Watch
- ILGA-Europe
- Il-Kummissjoni Internazzjonali tal-Ġuristi
- Il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem
- In-Network Ewropew tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ippjanar tal-Familja (IPPF EN)
- L-Istitut Internazzjonali tal-Istampa
- Il-Kumitat Netherlandiż ta' Helsinki
- L-Istitut ta' Politika Ewropew għal Soċjetà Miftuħa
- Philanthropy Advocacy
- Protection International
- Reporters Mingħajr Fruntieri
- Transparency International EU